MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tat-23 ta' Settembru, 2020

Rikors Maħluf Numru 499/2015 LM

**Christopher Sammut (K.I. Numru 26878M)**

***vs.***

**Malta Freeport Terminals Limited (C 27581)**

**u**

**Carmelo Caruana Company Limited (C 9616) f'isimha proprju u bħala aġent tas-soċjetà estera CMA CGM S.A.**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Maħluf ippreżentat fil-25 ta' Mejju, 2015 mill-attur **Christopher Sammut** (K.I. 26878M) (minn issa 'l quddiem "l-attur"), u maħluf minnu stess, li jgħid kif ġej:

1. *Illi r-rikorrent huwa registered port worker bin-numru tal-liċenzja 1012;*

2. *Illi fit-8 ta' Settembru 2013 seħħ inċident abbord il-bastiment OS Bodrum li jifforma parti mill-flotta tas-soċjetà intimata Carmelo Caruana Company Limited nomine, meta l-istess rikorrent, waqt il-qadi ta' dmirijietu u fuq inkarigu tas-soċjetà intimata Malta Freeport Terminals Limited, ġarrab korriment gravi u debilitanti għad-dannu tal-persuna tiegħu;*

3. *Illi bħala konsegwenza ta' dan l-inċident, ir-rikorrent ġarrab damnum emergens fl-ammont komplessiv ta' ħamsa u tletin elf, disa' mija tmienja u disgħin euro, u wieħed u disgħin ċenteżmu (€35,988.81)* (sic!) *rappreżentanti kemm telf ta' xogħol (Dok. CS1) kif ukoll spejjeż ta' tobba (Dok. CS2) hekk kif ser jirriżulta aħjar waqt it-trattazzjoni tal-kawża;*

4. *Illi inoltre, bħala konsegwenza tal-fuq imsemmi inċident, ir-rikorrent ġarrab ukoll lucrum cessans kaġun tal-fatt li bħala effett dirett tal-inċident, huwa sofra debilità permanenti riskontrata u aċċertata mill-konsulent ortopediku, Mr Jason Zammit (Dok. CS3) hekk kif ser jirriżulta aħjar waqt it-trattazzjoni tal-kawża;*

5. *Illi għal dan l-inċident u konsegwenzjali danni kienu jaħtu unikament is-soċjetajiet intimati, jew min minnhom, minħabba imprudenza, imperizja, negliġenza u inosservanza tar-regolamenti a tenur tal-Artikolu 1031 u tal-Artikolu 1032(1) tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta;*

6. *Illi inoltre, l-istess soċjetajiet intimati, jew min minnhom, naqsu milli jipprovdu a safe working environment kif ukoll ma osservawx l-obbligi li għandhom skont il-liġi (partikolarment il-Kapitolu 424 tal-Liġijiet ta' Malta) bħala entità li tħaddem. Għalhekk l-imsemmija soċjetajiet intimati, jew min minnhom, naqsu milli jiżguraw is-saħħa u s-sigurtà tar-rikorrent waqt il-qadi ta' dmirijietu;*

7. *Illi minkejja li s-soċjetajiet intimati kienu interpellati diversi drabi fosthom permezz ta' ittra uffiċjali tat-13 ta' April 2015 sabiex jagħmlu tajjeb għad-danni subiti mir-rikorrent, b'konsegwenza ta' dan l-inċident, huma ċaħdu kull responsabbilità għall-akkadut.*

   *Għalhekk kellha ssir din il-kawża fejn ir-rikorrent qed jitlob li, in vista tal-premess, din l-Onorabbli Qorti:*

   1. *Tiddikjara lis-soċjetajiet intimati, jew min minnhom, unikament responsabbli għall-inċident li seħħ fit-8 ta' Settembru 2013 fuq deskritt u għad-danni kollha li bħala konsegwenza tal-istess ġarrab ir-rikorrent;*

   2. *Tillikwida d-damnum emergens tar-rikorrent fl-ammont komplessiv ta' ħamsa u tletin elf, disa' mija u tmienja u disgħin euro u wieħed u disgħin ċenteżmu (€35,988.81)* (sic!) *kif fuq spjegat;*

3. *Tillikwida d-danni l-oħra tar-rikorrent konsistenti f'lucrum cessans naxxenti mid-diżabilità permanenti minnu subita, occorrendo bl-opera ta' periti nominandi;*

4. *Tikkundanna lis-soċjetajiet intimati, jew min minnhom, sabiex iħallsu lir-rikorrent dak l-ammont li jiġi dikjarat bħala dovut lilu in linea ta' danni.*

*Bl-ispejjeż kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali tat-13 ta' April 2015, u bl-imgħax legali fuq id-damnum emergens subiti mir-rikorrent hawn fuq indikat b'effett mid-data tal-preżentata ta' dan ir-rikors maħluf sad-data tal-effettiv pagament, u bl-imgħax legali fuq il-bqija tad-danni rikorrenti skont il-liġi kontra s-soċjetajiet intimati li huma inġunti għas-subizzjoni.*

Rat ir-Risposta Maħlufa tas-soċjetà konvenuta **Malta Freeport Terminals Limited** (C 27581) (minn issa 'l quddiem "is-soċjetà konvenuta Malta Freeport Terminals Limited"), li ġiet ippreżentata fis-17 ta' Ġunju, 2015, u maħlufa mill-Avukat Duncan Borg Myatt (K.I. 44578M), fejn eċċepiet:

1. *Illi t-talbiet tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrent, u dana stante illi l-inċidenti in kwistjoni ma seħħewx tort tas-soċjetà intimata u minħabba "imprudenza, imperizja, negliġenza u inosservanza tar-regolamenti", iżda tort tar-rikorrenti stess illi naqas milli josserva l-proċeduri ta' fuq ix-xogħol, hekk kif ser jiġi ppruvat aħjar waqt it-trattazzjoni tal-kawża;*

2. *Illi d-danni mitluba mir-rikorrent huma kkontestati u r-rikorrent għandu jressaq kull prova valida skont il-liġi sabiex jipprova t-telf illi attwalment sofra, u fin-nuqqas ta' hekk, ma hemm l-ebda danni x'jiġu likwidati a favur tiegħu;*

3. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri, skont kif permess mil-liġi.*

Rat ir-Risposta Maħlufa tas-soċjetà konvenuta **Carmelo Caruana Company Limited** f'isimha proprju u bħala aġent tas-soċjetà estera **CMA CGM S.A.** (C 9616) (minn issa 'l quddiem "is-soċjetà konvenuta Carmelo Caruana Limited pro et noe"), li ġiet ippreżentata fis-26 ta' Ġunju, 2015, u maħlufa minn Peter

Bonavia (K.I. 30686M), għan-nom u in rappreżentanza tal-istess, kif debitament awtorizzat permezz ta' riżoluzzjoni, fejn eċċepiet:

1. *Illi preliminarjament, is-soċjetà konvenuta Carmelo Caruana Company Limited f'isimha proprju ċertament mhijiex il-leġittimu kontradittur u għandha għalhekk tiġi lliberata mill-osservanza tal-ġudizzju stante illi ma teżistix relazzjoni ġuridika u/jew kuntrattwali bejnha u r-rikorrenti għax meta seħħ l-inċident in kwistjoni l-eċċipjenti kienet taġixxi sempliċiment fil-kwalità ta' aġent tas-soċjetà estera CMA CGM S.A. li kienet time charterer tal-bastiment OS Bodrum li fuqu allegatament seħħ l-inċident;*

2. *Illi inoltre, jingħad illi l-istess soċjetà konvenuta llum il-ġurnata m'għadhiex tirrappreżenta lis-soċjetà CMA CGM S.A. lokalment bħala l-aġent tagħha u għalhekk m'għandha l-ebda awtorità biex tirrappreżenta lil din is-soċjetà estera f'dawn il-proċeduri f'dik il-kapaċità u għaldaqstant kif ser jiġi spjegat fis-segwenti paragrafu s-soċjetà Carmelo Caruana Company Limited għandha tiġi mħarrka fil-kapaċità tagħha bħala mandatarju speċjali tas-soċjetà estera u mhux bħala aġenti;*

3. *Illi l-esponenti qiegħda tiddikjara li s-soċjetà konvenuta ngħatat prokura mingħand CMA CGM S.A., li permezz tagħha Carmelo Caruana Company Limited hija awtorizzata sabiex tidher f'dawn il-proċeduri odjerni bħala l-mandatarja speċjali tagħha u għaldaqstant jeħtieġ illi l-okkju tal-kawża odjerna jiġi korrett (kopja ta' din il-prokura hawn annessa u mmarkata bħala Dok. CC2);*

4. *Illi in linea preliminari u mingħajr preġudizzju għas-suespost, CMA CGM S.A. ukoll mhijiex il-leġittimu kontradittur stante illi din is-soċjetà kienet biss it-time charterer tal-bastiment in kwistjoni OS Bodrum (b'IMO Nru 9193513) u mhux il-proprjetarja tiegħu. Għalhekk jekk l-allegati danni kienu kkaġunati minħabba xi allegat nuqqas fuq il-vapur u/jew tal-ekwipaġġ, ir-responsabbilità semmai hija tas-sidien tal-bastiment u mhux tat-time charterers. In sostenn ta' dan il-punt, anke l-liġi nostrana, u b'referenza partikolari għall-Artikolu 347 tal-Att dwar il-Bastimenti Merkantili (Kap. 234), tiddetta illi huma s-sidien tal-bastiment li għandhom jerfgħu kull responsabbilità. Is-soċjetà Franċiża CMA CGM S.A. u s-soċjetà esponenti qatt ma kellhom ebda kontroll fuq l-immaniġġjar tal-bastiment u/jew tal-ekwipaġġ tiegħu, li huma impjegati mas-sidien tal-bastiment, u għalhekk is-soċjetà CMA CGM S.A. għandha tiġi lliberata mill-osservanza tal-ġudizzju u talbiet kollha tar-rikorrenti għandhom jinġiebu direttament kontra min kien responsabbli għall-bastiment.*

5. *In linea preliminari wkoll, u bla preġudizzju għal dak fuq espost, jingħad illi s-soċjetà CMA CGM S.A. m'għandha l-ebda relazzjoni ġuridika u/jew kuntrattwali mar-rikorrenti għaliex hija s-soċjetà konvenuta l-oħra Malta Freeport Terminals Limited li hija responsabbli biex tipprovdi servizzi u personnel inklużi ħaddiema tax-xatt bħall-attur lill-bastimenti li jiġu joperaw fil-Malta Freeport. Semmai, jekk teżisti xi relazzjoni din teżisti bejn l-attur u l-Malta Freeport Terminals Limited.*

*EĊĊEZZJONIJIET FUQ IL-MERTU*

6. *Illi fil-mertu, u mingħajr preġudizzju, it-talbiet kollha tar-rikorrenti huma kompletament infondati fil-fatt u fid-dritt u s-soċjetà Carmelo Caruana Company Ltd fi kwalunkwe kapaċità kif ukoll is-soċjetà CMA CGM S.A., mhumiex responsabbli għall-allegati danni u dan kif ser jiġi ppruvat fil-mori ta' dawn il-proċeduri;*

7. *Illi bla preġudizzju, la darba d-diżabilità allegatament sofferta mir-rikorrenti kif ukoll id-danni minnu sofferti huma kkontestati, dina l-Onorabbli Qorti għandha taħtar espert jew esperti mediċi sabiex kwalunkwe allegata diżabilità tiġi stabbilita waqt it-trattazzjoni tal-kawża;*

8. *Inoltre, u bla preġudizzju, dato ma non concesso li l-attur sofra debilità permanenti u l-allegat danni, it-talbiet attriċi xorta waħda għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra l-attur stante li l-inċident fejn korra l-attur seħħ konsegwenza diretta tal-atti negliġenti ta' terzi, u/jew tort tal-istess attur minħabba imperizja u traskuraġni da parti tiegħu hekk kif ser jiġi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża;*

9. *Illi subordinatament u għal kull buon fini, jingħad ukoll illi fl-eventwalità li Carmelo Caruana Company Limited fi kwalunkwe kapaċità u/jew CMA CGM S.A. u/jew it-tnejn, jinstabu responsabbli għall-allegat danni sofferti mir-rikorrenti, li fil-fehma tal-eċċipjenti m'għandux ikun il-każ, dawn is-soċjetajiet xorta waħda huma intitolati jillimitaw ir-responsabbilità tagħhom u dan ai termini tad-dispożizzjonijiet tal-Liġi nostrana, partikolarment il-Leġislazzjoni Sussidjarja 234.16.*

10. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-każ.*

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti.

Semgħet ix-xhieda prodotti mill-partijiet.

Rat il-verbal tal-udjenza tal-4 ta' Ottubru, 2019 fejn il-partijiet ingħataw il-fakultà li jippreżentaw noti ta' sottomissjonijiet u fejn il-kawża tħalliet għas-sentenza.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet ippreżentati mill-partijiet.

**Il-kwistjoni bejn il-partijiet**

L-attur huwa ħaddiem tax-Xatt liċenzjat li kien involut f'inċident li seħħ abbord bastiment fejn kien qiegħed jagħmel xogħol ta' ħall ta' *containers,* proċess magħruf bħala *lashing*, fuq inkarigu ta' Malta Freeport Terminals Limited. L-attur jgħid li l-inċident seħħ minħabba li tfixkel f'materjal li tħalla mal-art b'mod traskurat fuq il-bastiment, u possibilment anki minħabba li kien hemm pjanċa li ma kinitx imdaħħla f'postha, bir-riżultat li waqa' għoli ta' ħames metri u sofra ksur fl-għarqub ta' waħda minn riġlejh. Konsegwenza ta' dan l-inċident l-attur sofra telf konsistenti kemm f'danni materjali kif ukoll f'telf ta' qligħ futur, li huwa jattribwixxi għall-imprudenza, imperizja, negliġenza u inosservanza tar-regolamenti da parti tal-konvenuti jew min minnhom. Fit-talbiet tiegħu l-attur qiegħed jitlob li l-Qorti tiddikjara li l-konvenuti, jew min minnhom, huma responsabbli għall-inċident li seħħ fit-8 ta' Settembru, 2013, u għad-danni kollha sofferti mill-attur, konsistenti f'*damnum emergens* u *lucrum cessans*.

Il-konvenuti min-naħa tagħhom kollha ċaħdu li huma b'xi mod għandhom jinżammu responsabbli għall-inċident. Is-soċjetà konvenuta **Malta Freeport**

**Terminals Limited** eċċepiet li hija m'għandha l-ebda tort jew xi forma ta' responsabbilità għall-inċident u għall-konsegwenzjali danni sofferti mill-attur, u qiegħda tikkontesta kemm id-danni kif ukoll il-grad ta' diżabilità sofferta minnu, filwaqt li allegat li dan l-inċident seħħ tort tal-attur li naqas milli josserva l-proċeduri stabbiliti fuq il-post tax-xogħol tiegħu.

Is-soċjetà konvenuta **Carmelo Caruana Company Limited qua aġent ta' CMA CGM S.A.**, eċċepiet li mhijiex leġittimu kontradittur u talbet li tinħeles mill-osservanza tal-ġudizzju, minħabba li m'għandha l-ebda relazzjoni ġuridika jew kuntrattwali mal-attur. Din is-soċjetà konvenuta qalet li meta seħħ l-inċident, hija kienet qiegħda taġixxi bħala aġent tas-soċjetà estera CMA CGM S.A., li kienet *time charterer* tal-OS Bodrum, il-bastiment li fuqu seħħ l-inċident. Ġie eċċepit ukoll li llum il-ġurnata Carmelo Caruana Company Limited m'għadhiex aġent ta' CMA CGM S.A. u għalhekk m'għandha l-ebda awtorità tirrappreżenta lil CMA CGM S.A. f'dawn il-proċeduri, u jekk ser tidher għal CMA CGM S.A. hija għandha tidher bħala mandatarja speċjali ta' din il-kumpannija. Intqal ukoll li CMA CGM S.A. ukoll mhix leġittima kontradittriċi minħabba li din il-kumpannija kienet biss *time charterer* tal-OS Bodrum u mhux proprjetarja tiegħu, u jekk ġew ikkawżati xi danni fuq dan il-vapur, għandhom iwieġbu għalihom s-sidien tiegħu u mhux it-*time charterer.* Ġie eċċepit ukoll li hija Malta Freeport Terminals li hija vestita bir-responsabbilità biex tipprovdi servizzi u ħaddiema lill-bastimenti, u għalhekk hija Malta Freeport Terminals Limited li hija responsabbli mill-ħaddiema tax-Xatt.

**<u>Provi u riżultanzi</u>**

Flimkien mar-rikors promutur, l-attur ippreżenta kopja ta' ittra maħruġa mill-*operations manager* tal-*Port Workers* fi ħdan Transport Malta, li tistabbilixxi li

l-attur tilef dħul ta' ħamsa u tletin elf, seba' mija u tmienja u sittin euro u wieħed u tmenin ċenteżmu (€35,768.81) tul il-perijodu kollu meta ma setax jidħol xogħol minħabba fl-inċident li kellu.[1] Minn din l-ittra jirriżulta li filwaqt li l-inċident inkwistjoni seħħ fit-8 ta' Settembru, 2013, l-attur daħal lura xogħol fit-8 ta' April, 2014.

L-attur ippreżenta wkoll kopja tar-rapport mediku mħejji minn **Mr Jason Zammit**, *orthopaedic & trauma surgeon,* li kkonstata li meta eżamina lill-attur, dan kien infurmah li kien waqa' għoli ta' madwar ħames metri waqt li kien qiegħed jagħmel xogħol fuq bastiment. L-attur ippreżenta ruħu b'uġigħ f'partijiet minn saqajh tal-lemin, u b'diffikultajiet biex jitla' turġien u jimxi fuq terren imħarbat. Mr Zammit kkonkluda li konsegwenza tal-inċident, l-attur qiegħed isofri minn debilità permanenti ta' sitta fil-mija (6%).[2]

Is-soċjetà konvenuta Carmelo Caruana Company Limited pro et noe*,* ippreżentat kopja ta' riżoluzzjoni tal-25 ta' Ġunju, 2015 fejn Peter Bonavia ġie maħtur bħala rappreżentant tal-istess kumpannija f'dawn il-proċeduri.[3] L-istess konvenuta ppreżentat ukoll kopja ta' prokura li permezz tagħha hija ġiet maħtura bħala mandatarja speċjali ta' CMA CGM S.A. sabiex tkun tista' tirrappreżenta lil din l-istess kumpannija f'dawn il-proċeduri.[4] Ġiet ippreżentata wkoll il-lista tal-membri tal-ekwipaġġ li kienu xogħol abbord l-OS Bodrum, bastiment irreġistrat ġewwa Antigua, dakinhar li seħħ l-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri.[5]

---

[1] *A fol.* 4 tal-proċess.
[2] Fi kliem l-espert mediku Mr Jason Zammit: *"Review of Mr Sammut's last x-ray on 28th January 2014 reveals that the calcaneum has healed with no loss of height however in a varus alignment. It is to be expected that Mr Sammut will find uneven ground difficult to walk on and in future may well develop premature osteoarthritic change in the subtalar joint which may well need surgery."*
[3] *A fol.* 21 tal-proċess.
[4] *A fol.* 24 tal-proċess.
[5] *A fol.* 25 tal-proċess.

Permezz ta' nota tas-7 ta' Jannar, 2016, l-attur ippreżenta *affidavit* ta' **Lawrence Attard**[6], ħaddiem tax-Xatt, li qal li hu ilu jaħdem mal-attur għal madwar tmien (8) snin. Ix-xhud qal li dakinhar li seħħ l-inċident inkwistjoni, huma kienu qegħdin jagħmlu xogħol ta' ħall, ta' *lashing* tal-vapur li kien għadu kif wasal fil-Freeport, u spjega li dan ix-xogħol jinvolvi l-ħall tal-irbit li jkollhom il-*containers* fuq il-vapur. Ix-xhud spjega li l-irbit ikun magħmul minn vireg u *bottle screws* tal-ħadid, u l-ħall isir permezz ta' ħadida li sservi bħala lieva. Qal ukoll li l-vapur inkwistjoni daħal mgħobbi b'ringiela waħda ta' *containers,* li ma kinitx mimlija kompletament. Qal li hu u l-attur kienu qegħdin jaħdmu fiż-żona tal-vapur imsejħa 'gallerija', li hija l-parti elevata tal-vapur, u din il-'gallerija' hija maħsuba biex minn fuqha jsir ix-xogħol ta' *lashing.* Qal ukoll li bejn l-art tal-gallerija u l-pjattaforma tal-bastiment hemm għoli ta' sular, u mill-pjattaforma għall-moll hemm għoli ta' sular ieħor. Ix-xhud qal li dakinhar tal-inċident, f'dik il-parti tal-vapur kien hemm ħafna viti u *bottle screws* sfużi li tħallew mal-art. Spjega li dawn kellhom ikunu marbutin sabiex ma joħolqux ostakoli għall-ħaddiema tax-Xatt li telgħu jaħdmu fuq il-vapur. Qal ukoll li l-bastiment inkwistjoni daħal fil-port f'dik il-kundizzjoni, u għalhekk il-ħaddiema kienu konstretti jaħdmu f'dawk il-kundizzjonijiet. Ix-xhud qal ukoll li l-'gallerija' fejn kien qiegħed isir ix-xogħol, kellu jkollha tip ta' ilqugħ sabiex jekk xi ħadd jaqa' minn fuqha dan ma jibqax nieżel għal isfel, iżda f'dan il-każ dan l-ilqugħ ma kienx armat. Qal ukoll li l-ispazju f'din il-parti tal-vapur huwa wieħed ristrett ħafna, u għalhekk hu u l-attur ma tantx kellhom spazju fejn jimmanuvraw biex jagħmlu x-xogħol tagħhom. Spjega li kien il-*foreman* tal-Freeport li ta struzzjonijiet lilu u lill-attur biex jitilgħu jaħdmu abbord, u l-*foreman* ma telax jagħmel spezzjoni abbord sabiex jara l-bastiment f'liema

[6] *A fol.* 67 tal-proċess.

kundizzjoni kien qabel bagħat il-ħaddiema jaħdmu fuqu. Ix-xhud qal li l-inċident seħħ meta f'ħin minnhom sema' ħoss u ra lill-attur nieżel għal isfel. Kompla jgħid li dak il-ħin hu waqaf mix-xogħol u mar jara l-attur x'kien ġralu, fejn sabu jgħajjat bl-uġigħ minħabba li kien weġġa' saqajh. Qal li wara ftit tal-ħin hu ġie ordnat imur ikompli bix-xogħol fuq il-vapur. Ix-xhud ikkonkluda billi qal li fil-Freeport hemm problemi ta' nuqqas ta' sigurtà għall-ħaddiema, u li ħafna drabi jittieħdu miżuri protettivi biss wara li jkun ġara xi inċident.

Fl-*affidavit* tiegħu l-attur **Christopher Sammut**[7] qal li huwa ilu jaħdem bħala ħaddiem tax-Xatt mis-sena 2007, u x-xogħol tiegħu jinvolvi l-ħall u l-irbit ta' *containers* fuq il-vapuri, xogħol ta' *lashing,* l-installazzjoni ta' *twist locks* fuq il-vapuri sabiex il-*containers* ikunu jistgħu jeħlu ma' xulxin, u s-sewqan ta' trakkijiet fil-portijiet. Qal li x-xogħol ta' *lashing* isir dejjem b'sistema ta' *buddy,* fejn il-ħaddiema dejjem jaħdmu fi gruppi ta' tnejn min-nies, u qal li x-xogħol tal-ħaddiema tax-Xatt jibqa' l-istess għal ċiklu ta' ħmistax-il ġurnata, u wara dak il-perijodu tinbidel l-iskeda. L-attur spjega li x-xogħol fil-Freeport jiġi assenjat mill-*foreman* ta' Malta Freeport Terminals Limited, li jieħu ħsieb jassenja x-xogħol skont id-domanda. Qal li dakinhar li seħħ l-inċident, huwa kien imissu jaħdem ix-*shift* li beda fl-erbgħa ta' wara nofsinhar, u għall-ħabta tal-ħamsa ta' wara nofsinhar, hu u Lawrence Attard intalbu jitilgħu abbord l-OS Bodrum li kien għadu kemm daħal fil-port, sabiex jagħmlu xogħol ta' *lashing* fuqu. L-attur qal li l-bastiment inkwistjoni ma tantx kien mgħobbi, tant hu hekk li fuqu kien hemm biss ringiela waħda ta' *containers.* Qal li meta tela' abbord ra li fil-passaġġ tal-gallerija minn fejn kellu jsir ix-xogħol, kien hemm ħafna materjal assoċjat mal-*lashing* li ma kienx f'postu, u dan il-materjal ħoloq

[7] *A fol.* 73 tal-proċess.

ostakolu għall-ħaddiema li riedu jitilgħu jaħdmu abbord. Żied jgħid li dan għamel ix-xogħol tal-ħaddiema aktar diffiċli minħabba li dawn ma tantx kien baqalhom spazju fejn jimmanuvraw. Qal li apparti dawn l-ostakoli, kien hemm problemi oħra peress li fil-gallerija ma kien hemm l-ebda ilqugħ sabiex jipproteġi lill-ħaddiem milli jaqa' għal isfel. L-attur żied li dan ma kienx l-ewwel vapur li daħal fil-Freeport f'dan l-istat, u minkejja li ħafna mill-ħaddiema jiġbdu l-attenzjoni tat-tmexxija tal-Freeport dwar dawn il-perikli, rarament kien isir xi ħaġa biex dawn il-perikli jiġu indirizzati. Qal li f'dan il-każ il-ħaddiema kienu kostretti jitilgħu jaħdmu abbord minħabba f'ordnijiet li ngħataw mill-*foreman,* li lanqas biss tela' abbord sabiex jagħmel evalwazzjoni tal-kundizzjonijiet abbord qabel beda x-xogħol. L-attur qal ukoll li x-xogħol fil-Freeport isir bi pressjoni kbira ta' ħin, u ma kienx possibbli għall-ħaddiema li jirrifjutaw li jaħdmu f'dawk il-kundizzjonijiet. Qal li hu u Lawrence Attard bdew jagħmlu x-xogħol tal-*lashing:*

> "Kif ġejt biex naqla' l-aħħar ħadida, żlaqt fil-materjal, weħlitli sieqi ma' waħda mill-pjanċi li kienet maqlugħa u tlift il-bilanċ. Peress li ma kienx hemm ilqugħ, bqajt nieżel għal isfel u ġejt fuq saqajja bil-konsegwenza li weġġajt il-qiegħ ta' saqajja."

L-attur qal li wara xi ħin kien ittieħed fil-klinika tal-Freeport, imbagħad eventwalment kellu jittieħed l-Isptar Saint James u wara mar fil-klinika Da Vinci, fejn ġie nfurmat li kellu ksur fl-għarqub u l-perijodu ta' fejqan għal dan it-tip ta' ksur kien wieħed pjuttost twil. L-attur qal li f'dan il-perijodu ma setax jaħdem, kien jimxi bil-krozzi, u kellu anki diffikultajiet biex jilbes żarbun minħabba n-nefħa li kellu f'siequ. L-attur spjega li b'konsegwenza tal-inċident huwa għadu jsofri minn limitazzjonijiet u diffikultajiet. L-attur qal li meta reġa' rritorna x-xogħol, reġa' messu jaħdem fuq l-istess bastiment li kellu l-inċident fuqu, u osserva li din id-darba l-bastiment kien mgħammar bl-ilqugħ. L-attur

ippreżenta għadd ta' ritratti sabiex juri l-bastiment inkwistjoni kif kien dakinhar li seħħ l-inċident tiegħu[8], kif ukoll kopja tar-rapport intern li sar mill-Malta Freeport Terminals Limited dwar dan l-inċident.[9]

Waqt l-udjenza tat-2 ta' Frar 2016 xehed **Jeffrey Busuttil**, *manager* fl-uffiċċju tal-Port Workers, li huwa nkarigat mir-riżorsi umani tal-ħaddiema tax-Xatt li jaqgħu taħt Transport Malta[10], li kkonferma d-dokument esebit mill-attur fir-rigward tat-telf ta' introjtu għall-perijodu kollu li fih ma kienx qiegħed imur ix-xogħol. Ix-xhud spjega li l-ħaddiema tax-Xatt huma regolati b'Ordinanza, u qal li dan il-grupp ta' ħaddiema jitħallsu kull ħmistax. Qal li l-kalkoli dwar it-telf ta' introjtu ta' ħaddiem jinħadem billi jsir eżerċizzju komparattiv ma' ħaddiem ieħor tax-Xatt li jibqa' jidħol xogħol b'mod regolari. Ix-xhud spjega li f'dan il-każ l-attur kellu xi forma ta' introjtu minħabba li kien għad irid idaħħal parti mill-paga tiegħu, kif ukoll għax il-ħaddiema tax-Xatt, f'każ li jweġġgħu, għandhom skema ta' assigurazzjoni li permezz tagħha jitħallsu l-ammont ta' €37.50 kuljum għal perijodu massimu ta' 104 ġimgħat. Qal li din l-iskema hija mħallsa mill-*port workers pension and contingency fund,* u għalhekk jista' jiġi kkalkulat kemm hu d-dħul li tilef l-attur billi jsir tqabbil mad-dħul ta' ħaddiem ieħor fl-istess perijodu ta' żmien. Ix-xhud spjega li l-eżerċizzju komparattiv sar ma' persuna oħra fl-istess grupp ta' ħaddiema bħall-attur, "fl-istess grad ta' *registered port worker* li jmur jagħmel xogħol bħalu l-Freeport fuq it-Terminals l-oħra u jaħdem ma' Transport Malta." Ix-xhud ippreżenta wkoll għadd ta' dokumenti rigward tal-introjtu tal-attur għas-snin ta' qabel l-inċident.[11] Ix-xhud spjega li l-ħaddiema tax-Xatt huma mistennija li jaħdmu fil-portijiet ta'

[8] *A fol.* 78 tal-proċess.
[9] *A fol.* 79 tal-proċess.
[10] *A fol.* 93 tal-proċess.
[11] *A fol.* 99 *et seq.* tal-proċess.

Malta u Għawdex kollha, u fl-Ordinanza li tirregola l-ħaddiema tax-Xatt hemm stabbiliti t-tariffi ta' kif dawn għandhom jitħallsu. Spjega li x-xogħol tal-uffiċċju tal-*manager* tal-ħaddiema tax-Xatt jinkludi l-ġbir tat-tariffi sabiex minnhom ikunu jistgħu jitħallsu l-ħaddiema tax-Xatt.

Waqt l-udjenza tat-2 ta' Frar, 2016, xehed **Mr Jason Zammit**[12], li hu speċjalizzat fil-qasam tal-ortopedija, li qal li huwa kien eżamina lill-attur madwar sena u erba' xhur wara li seħħ l-inċident inkwistjoni. Ix-xhud qal li l-attur kien infurmah li kien waqa' minn għoli ta' madwar ħames metri minn fuq bastiment li kien qiegħed jaħdem fuqu, u konsegwenza ta' dan kiser l-għadma tal-għarqub tal-lemin. Ix-xhud qal li l-attur ma kellux bżonn intervent kirurġiku, iżda dam madwar seba' xhur ma jistax jidħol xogħol sakemm fieq il-ksur. Ix-xhud qal li minn dak li jista' jikkonstata wara li ra r-riżultati tal-*x-rays* li saru fuq l-attur, jidher li l-ksur għaqad, iżda l-attur jista' jiżviluppa artrite b'mod prematur. Qal li l-attur ibati biex jimxi fuq art imħarbta bħal ma huwa ramel jew ħamrija.

Waqt l-istess udjenza xehed **Eric Cutajar**, rappreżentant tal-ħaddiema tax-Xatt[13], li qal li fil-ħin meta seħħ l-inċident huwa kien preżenti fit-Terminal, u għalhekk ġie msejjaħ sabiex imur fuq il-post tal-inċident sabiex jara x'kien ġara. Qal li x'ħin mar fuq il-post, l-attur kien għadu fuq il-bastiment, u dan kien qallu li waqa' minn fuq il-*walkway* tal-bastiment. Ix-xhud qal li minn dak li seta' jara hu, il-post fejn seħħ l-inċident kien nieqes minn *railings* li setgħu jevitaw li jiġri inċident bħal dan. Kompla jgħid li fil-ħin li seħħ l-inċident, l-attur kien qiegħed jagħmel xogħol ta' *lashing,* li jirrikjedi spazju biżżejjed biex ikun jista' jdur komdu mingħajr ma jaħbat ma' imkien, u uħud mill-vireg li bihom

[12] *A fol.* 103 tal-proċess.
[13] *A fol.* 106 tal-proċess.

isir il-*lashing* huma twal anki tlettax-il pied, u għalhekk kellu bżonn ċertu spazju biex ikun jista' jaħdem komdu mingħajr ma jweġġa'. Ix-xhud qal li wara li kkonstata x'kien hemm fuq il-vapur, bagħat *email* fejn talab li l-vapur jiġi spezzjonat min-naħa tal-Freeport u biex jintalab jieħu l-prekawzjonijiet neċessarji sabiex jiġu mħarsa s-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema li jitilgħu jaħdmu abbord. Ix-xhud qal li bħala proċedura, meta tinstab problema fuq vapur, jiġi nfurmat it-Terminal u jintalab jinvestiga u jara jekk il-vapur ikunx kif għandu jkun. Qal li hemm ċirkostanzi fejn abbord jitla' wkoll rappreżentant tal-aġent. Żied jgħid li f'dan il-każ wara li seħħ l-inċident, kien ġie installat ilqugħ fuq il-bastiment.

Waqt l-udjenza tat-3 ta' Marzu, 2016 reġa' xehed **Jeffrey Busuttil**[14], li spjega li l-attur kellu inċident ieħor fuq il-post tax-xogħol tiegħu fis-sena 2015, u għalhekk għal dik is-sena reġa' sofra tnaqqis ieħor fl-introjtu tiegħu.[15] Dan intqal b'riferiment għall-informazzjoni fl-FS3 għas-sena 2015 li ġiet esebita wkoll.

L-espert mediku maħtur mill-Qorti, **Mr Carmel Sciberras**, ippreżenta r-rapport tiegħu fil-5 ta' Mejju, 2016.[16] L-espert mediku ġudizzjarju ddeskriva d-dinamika tal-inċident abbażi ta' dak li kien qallu l-attur, fejn ġie kkonstatat li l-attur waqa' waqt li kien qiegħed jaħdem fil-gallerija ta' vapur li kien għadu kif daħal fil-port biex jinħatt, meta saqajh weħlitlu f'xi materjal, bil-konsegwenza li tfixkel u waqa' għal isfel. Mal-waqgħa l-attur ma ntilifx minn sensih, iżda ħass uġigħ kbir madwar l-għaksa l-leminija. L-espert mediku ġudizzjarju kkonstata li l-attur ma ġiex operat, iżda kellu jattendi għal għadd ta'

[14] *A fol.* 116 tal-proċess.
[15] Kopja tal-FS3 għas-sena 2015 esebita *a fol.* 118 tal-proċess, flimkien ma' kopja tar-rapport dwar dan il-korriment *a fol.* 120 tal-proċess.
[16] *A fol.* 135 tal-proċess.

sessjonijiet ta' fiżjoterapija, sakemm reġa' beda jimxi wara xi żmien. Mr Carmel Sciberras qal li għad li l-attur kien reġa' daħal lura x-xogħol li kellu qabel, madanakollu dan ma jistax ikompli jaħdem bħal qabel, u għandu diffikultà biex jerfa' piżijiet tqal, jew biex jitla' slielem u turġien. L-espert mediku ġudizzjarju kkonkluda li konsegwenza tal-inċident, l-attur qiegħed isofri minn debilità permanenti ta' ħamsa fil-mija (5%), u dan il-perċentwal jista' jinbidel f'każ li l-attur ikollu bżonn xi intervent.[17]

Waqt l-udjenza tat-23 ta' Novembru, 2016 sar il-kontroeżami tal-attur[18], li qal li dakinhar tal-inċident huwa kien messu jaħdem ix-*shift* ta' bejn l-erbgħa ta' wara nofsinhar u nofsillejl. L-attur spjega li r-*roster* tax-xogħol jinħareġ minn Transport Malta, mit-taqsima tal-ħaddiema tax-Xatt. L-attur spjega li l-ħaddiema tax-Xatt jitilgħu fuq il-bastiment wara li jkun bagħthom il-*foreman.* Xogħlu dakinhar kien jinvolvi li jitla' fuq il-bastiment u jagħmel xogħol ta' ħatt ta' *containers.* Qal li wara li jinħatt il-vapur, jerġgħu jitilgħu l-ħaddiema abbord sabiex dan ikun jista' jitgħabba, u fil-ħin tal-inċident huwa kien qiegħed jagħmel xogħol ta' *lashing* permezz ta' ħadida. Spjega li l-inċident seħħ meta saqajh weħlet ma' pjanċa li kien hemm fl-art li kienet maqlugħa minn postha. Qal ukoll li fil-ħin tal-inċident huwa kien liebes ilbies protettiv, bħal *safety shoes, vest,* ingwanti u elmu. L-attur spjega li l-pjanċa li waqa' fiha kienet dik indikata b'ċirku aħmar fuq ir-ritratt immarkat bl-ittra 'Ċ', *a fol.* 78 tal-proċess. L-attur għamel riferiment għall-kwantità ta' ħadid li kien hemm mal-art fuq il-bastiment, u qal li f'dan il-każ meta nħallu l-*containers* fil-port li daħal fih il-

---

[17] Fi kliem l-espert mediku ġudizzjarju: "Is-Sur Sammut kiser l-għarqub lemini meta waqa' minn għoli ta' bejn 4 u 5 metri waqt li kien fuq ix-xogħol. Dal-ksur sforma l-għadam tal-għarqub filwaqt li affettwa wkoll il-ġog bejn il-*calcaneum* u t-*talus (subtalar joint).* Minħabba f'hekk qed ikollu problema fil-mixi fit-tul, fil-mixi fuq l-imħarbat, eċċ. u għalhekk kellu jieqaf mill-*jogging.* ... Minħabba dal-ksur, is-Sur Sammut x'aktarx jiżviluppa artrite fis-*subtalar joint.* Jekk din l-artrite tibda tuġgħu ħafna, jista' jkollu bżonn ta' '*triple arthrodesis*'. Dawn iż-żewġ operazzjonijiet jista' jkollhom il-kumplikazzjonijiet tagħhom ukoll."

[18] *A fol.* 143 tal-proċess.

bastiment qabel wasal Malta, il-ħadid kien tħalla fl-art. Qal ukoll li minkejja li jsiru diversi rapporti mill-ħaddiema tax-Xatt dwar nuqqasijiet fis-sigurtà abbord, kemm-il darba l-istess vapur kien jerġa' jidħol Malta wara xi żmien, bl-istess nuqqasijiet. L-attur qal ukoll li l-*foreman* li kien qal lilu u lil Lawrence Attard biex jitilgħu jaħdmu fuq il-bastiment inkwistjoni, huwa impjegat tal-Freeport. L-attur qal ukoll li minkejja li meta Attard u hu telgħu abbord kienu raw dawn in-nuqqasijiet, huma m'għamlux rapport għax l-operatur tal-*crane* ried jibda bix-xogħol mill-ewwel, u għalhekk kif telgħu fuq il-bastiment mill-ewwel bdew ix-xogħol tal-*lashing*. L-attur spjega li l-pajpijiet li jidhru fit-tielet u r-raba' ritratt, *a fol.* 78 tal-proċess, juru l-pajpijiet li suppost jidħlu ġo xulxin u jintrama bħal ilqugħ li jservi ta' poġġaman, u dan ix-xogħol suppost isir mill-baħrin li jaħdmu fuq il-bastiment. Qal li minkejja li diversi drabi l-ħaddiema tax-Xatt isibu ħafna nuqqasijiet x'ħin jitilgħu abbord, huma jkollhom jaħdmu fil-kundizzjonijiet li jsibu u ma jkunx hemm ċans li joqogħdu jagħmlu rapporti. Spjega li bosta mill-bastimenti ż-żgħar ma jkollhomx dan l-ilqugħ, u jsiru diversi rapporti f'dan ir-rigward. Qal ukoll li jekk ħaddiem tax-Xatt jirrifjuta li jaħdem fil-kundizzjonijiet li jsib, ħafna drabi jkollu jbati l-konsegwenzi u jittella' quddiem bord tad-dixxiplina. Qal ukoll li bħala regola, ix-xogħol li jkun hemm ikollu jsir, minkejja ċ-ċirkostanzi li l-ħaddiema jistgħu jkunu mistennija jaħdmu fihom. L-attur qal ukoll li lejn l-aħħar tal-2015 huwa kellu inċident ieħor waqt li kien qiegħed isuq trakk, u *crane* minn fuq laqat *container* li niżel għal fuq is-saqaf tat-trakk tiegħu, bir-riżultat li ħa skoss f'għonqu u weġġa' ġenbu. Qal li dakinhar, minkejja li x'ħin niżel mit-trakk ċempel lill-*foreman,* dan baqa' ma marx fuq il-post. L-attur qal li minkejja li tul is-snin saru diversi rapporti dwar in-nuqqasijiet abbord, qal li qajla jsir xi ħaġa sabiex dawn in-nuqqasijiet jiġu indirizzati. Qal ukoll li dakinhar li seħħ l-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri,

huwa ma kienx induna li mal-gallerija ma kienx hemm ilqugħ, u lanqas ma ra l-pjanċa maqlugħa mill-art. Żied jgħid li kien hemm ċirkostanzi fejn ir-rapporti dwar in-nuqqasijiet li kien hemm abbord saru wara li l-ħaddiema tax-Xatt ikunu lestew ix-xogħol tagħhom. Qal ukoll li hu qatt ma waqaf mix-xogħol jew irrifjuta li jaħdem minħabba li ma jridx li jittella' quddiem bord tad-dixxiplina. L-attur spjega li minkejja li l-*foreman* jibgħat lill-ħaddiema abbord, dan ma jitlgħax magħhom fuq il-bastiment sabiex jara l-kundizzjonijiet abbord kif ikunu, u ħadd mill-Freeport ma jmur jiċċekkja u jaċċerta ruħu li l-post hu sigur qabel jibda x-xogħol. Qal li l-ħaddiema jridu joqgħdu attenti l-ħin kollu biex ma jweġġgħux minħabba li x-xogħol li huma mistennija jagħmlu huwa wieħed perikoluż u jinvolvi ambjenti fejn ikun hemm ħafna traskuraġni. Żied jgħid li min-naħa tal-Freeport l-importanti huwa li jsir ix-xogħol, u kif u f'liema ambjent isir dan ix-xogħol mhux daqstant importanti għal min qiegħed imexxi. Spjega wkoll li l-Freeport ma jimpjegax persuni sabiex jagħmlu xogħol ta' superviżjoni tan-nies li jkunu qegħdin jaħdmu abbord, u l-unika ħaġa li l-Freeport jassigura hija li l-ħaddiema tax-Xatt ikunu lebsin l-elmu u l-*vest* tas-sigurtà. L-attur qal li min-naħa tal-Freeport rari tittieħed xi miżura li tkun tindirizza l-ilmenti dwar is-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema u minkejja li jsiru diversi rapporti, dawn donnhom jaqgħu fuq widnejn torox. L-attur spjega li hu l-*foreman* li jrid iwassal l-ilmenti tal-ħaddiema, għaliex il-ħaddiema tax-Xatt m'għandhomx aċċess dirett għad-diriġenti tal-Freeport. L-attur qal li huma l-ħaddiema tax-Xatt li jitilgħu l-ewwel abbord, u l-*foreman* ma jitlgħax abbord. Spjega li kif il-bastiment iniżżel l-iskala, jitilgħu l-ħaddiema li jkollhom jagħmlu l-*lashing,* sabiex ikun jista' jibda jaħdem l-operatur tal-*crane.* Qal li huwa waqa' għaliex il-pjanċa ma rahiex, u din ma kinitx miżbugħa u ma kinitx tidher li kienet maqlugħa.

Waqt l-udjenza tal-1 ta' Frar, 2017 sar il-kontroeżami ta' **Eric Cutajar**[19], li qal li huwa ħaddiem tax-Xatt, u minbarra dak ix-xogħol għandu wkoll il-kariga ta' rappreżentant tal-ħaddiema dwar is-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol. Ix-xhud spjega li hu ma jitlgħax fuq vapur partikolari qabel iseħħ xi inċident, u jitla' jagħmel spezzjonijiet biss meta jsir xi ilment dwar in-nuqqasijiet abbord li jistgħu jaffettwaw is-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema. Ix-xhud spjega li huma l-ħaddiema li għandhom l-obbligu li jirrappurtaw in-nuqqasijiet li jsibu, u żied jgħid li f'dan il-każ partikolari ma jidhirlux li kien sar xi rapport. Żied jgħid li l-*foreman* huwa obbligat jitla' abbord qabel jibgħat lin-nies jaħdmu fuq il-bastiment, iżda esprima dubju dwar kemm dan iseħħ fil-prattika. Qal li qabel ma ħaddiem jibda jagħmel xogħol ta' *lashing,* dan jingħata taħriġ fuq ix-xogħol minn ħaddiema ta' esperjenza. Ix-xhud qal li wara li seħħ l-inċident inkwistjoni, huwa kien tela' abbord u staqsa għalfejn ma kienx hemm ilqugħ fuq il-post. Qal li f'daqqa waħda l-baħrin ġabu t-tagħmir meħtieġ u bdew jarmaw l-ilqugħ dak il-ħin stess. Ix-xhud qal li r-*roster* ta' min imissu jaħdem fuq bastiment partikolari jinħareġ minn Transport Malta, u meta persuna tweġġa' u ma tkunx tista' tirrapporta x-xogħol, huma l-ħaddiema ta' dan l-uffiċċju li jieħdu ħsieb jagħmlu d-*deployment* meħtieġ. Ix-xhud spjega li hija Malta Freeport Terminals Limited li tagħti x-xogħol lill-ħaddiema tax-Xatt, u l-ħaddiema tax-Xatt jagħtu s-servizzi tagħhom kemm fit-Terminal tal-Freeport kif ukoll f'*terminals* oħra madwar Malta.

Permezz ta' nota ppreżentata fl-1 ta' Frar, 2017, is-soċjetà konvenuta Malta Freeport Terminals Limited, ippreżentat kopja ta' manwali intitolat '*Stevedoring Procedures*'.[20]

[19] *A fol.* 188 tal-proċess.
[20] *A fol.* 192 *et seq.* tal-proċess.

Waqt l-udjenza tal-1 ta' Frar, 2017 xehed **Marvin Attard**[21], li qal li hu ħaddiem tax-Xatt. Ix-xhud qal li jkun hemm diversi istanzi fejn ħaddiem tax-Xatt jinduna li l-kundizzjonijiet abbord bastiment ikunu perikolużi, iżda wieħed ma jistax jirrifjuta li jaħdem għaliex ikun hemm ir-riskju li ħaddiem jispiċċa sospiż jekk ix-xogħol jaqa' lura minħabba f'rapporti li jkunu saru. Ix-xhud qal li huwa kien involut f'każ fejn irrifjuta li jaħdem xogħol bil-mod suġġerit lilu minħabba li dak il-mod kien perikoluż, u kien sar rapport dwaru lis-*shift leader* tal-Freeport u wara kellu jitla' quddiem bord tad-dixxiplina. Ix-xhud qal li daqs tliet ġimgħat qabel kien ir-riħ, u hu u l-attur intalbu jibqgħu jagħmlu xogħol ta' *lashing.* Ix-xhud qal li minkejja li ħafna drabi ħaddiem li jittella' quddiem il-bord ma jiġix ikkastigat, huwa xorta waħda jinkwieta meta jkollu jidher quddiem il-bord. Qal ukoll li meta ħaddiem jieqaf jaħdem jew jirrifjuta li jaħdem, ħafna drabi l-ħaddiem li jkun jiġi sospiż mix-xogħol għal ġurnata.

Waqt l-udjenza tas-6 ta' Marzu, 2017, sar il-kontroeżami ta' **Jeffrey Busuttil**[22], li kkonferma li sabiex ġie stabbilit it-telf ta' introjtu tal-attur għall-perijodu meta ma rrappurtax għax-xogħol minħabba l-inċident inkwistjoni, sar eżerċizzju komparattiv. L-istess xhud kompla jagħti d-depożizzjoni tiegħu waqt l-udjenza tal-25 ta' April, 2017[23], fejn ippreżenta għadd ta' ċertifikati tal-mard[24], għalkemm żied jispjega li f'dawn iċ-ċertifikati, il-parti li tiddeskrivi l-kundizzjoni medika li jkun qiegħed ibati minnha l-ħaddiem tiġi mgħottija.

L-attur reġa' xehed waqt l-udjenza tal-25 ta' April, 2017[25], fejn qal li kien hemm żmien meta kien qiegħed jingħata r-*radiotherapy* minħabba problemi li

[21] *A fol.* 206 tal-proċess.
[22] *A fol.* 214 tal-proċess.
[23] *A fol.* 221 tal-proċess.
[24] *A fol.* 224 *et seq.* tal-proċess.
[25] *A fol.* 242 tal-proċess.

kellu fit-*thyroid.* Żied jgħid li ż-żmien meta kien ingħata t-terapija kien is-6 ta' Diċembru 2012, l-24 ta' Settembru, 2013 u bejn id-29 ta' Jannar, 2014 sal-14 ta' Marzu, 2014.[26] L-attur spjega li wara li ngħata din it-terapija huwa kien għamel perijodu ta' żmien meta ma kienx imur ix-xogħol għax kien jittrażmetti r-raġġi li jkun irċieva, iżda qal li kien iħossu fiżikament b'saħħtu.

L-attur ippreżenta wkoll għadd ta' ritratti sabiex juri x'tip ta' perikli jkun hemm fuq ċerti bastimenti, b'ritratti juru poġġamani mingħajr ilqugħ, u ritratti oħra li juru ambjent ta' traskuraġni fejn ħaddiem jista' faċilment iweġġa'.[27] Permezz ta' nota ppreżentata fil-11 ta' Mejju, 2017, l-avukat difensur tal-attur elenkat l-ismijiet tal-bastimenti li kienu jidhru fir-ritratti esebiti mill-attur.[28]

Waqt l-udjenza tad-29 ta' Mejju, 2017 xehed **Lawrence Attard**[29], li qal li bħala ħaddiem tax-Xatt jaħdem fil-portijiet kollha ta' Malta u anki Għawdex. Qal li meta ħaddiem tax-Xatt jitla' abbord, jingħata struzzjonijiet mill-*foreman,* li hu impjegat tal-Freeport. Ix-xhud qal li dakinhar tal-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri, hu kien intalab jitla' abbord u jagħmel xogħol ta' *lashing.* Qal li dak it-tip ta' xogħol ikun irid jitlesta malajr kemm jista' jkun minħabba li jkun hemm l-operatur tal-*crane* li wkoll ikun irid jibda jaħdem. Ix-xhud qal li huwa kien viċin l-attur fil-ħin tal-inċident, li seħħ madwar għaxar minuti wara li l-ħaddiema telgħu abbord. Ix-xhud qal li kien hemm drabi oħra meta hu tela' jaħdem abbord l-istess vapur u anki f'dawk id-drabi, dan kien mingħajr ilqugħ. Qal li l-ħaddiema ħafna drabi jiġu skoraġġiti milli jagħmlu rapporti dwar nuqqasijiet li jkun hemm abbord u fid-drabi meta kienu saru xi rapporti, ma ttieħdet l-ebda azzjoni dwarhom. Ix-xhud ikkonferma li dakinhar li seħħ l-

---

26 Ċertifikat esebit *a fol.* 254 tal-proċess.
27 *A fol.* 255 *et seq.* tal-proċess.
28 *A fol.* 259 tal-proċess.
29 *A fol.* 262 tal-proċess.

inċident kemm hu kif ukoll l-attur kienu lebsin ilbies protettiv. Qal ukoll li f'każ li ħaddiema jinnutaw xi nuqqasijiet abbord, hemm riskju li l-*foreman* jaqla' lill-ħaddiema minn fuq dik il-biċċa xogħol u jissostitwihom ma' tnejn oħra. Spjega li meta jiġri hekk, id-diriġenti tal-Freeport jibdew iħarsu lejn il-ħaddiem donnu qiegħed jipprova jaqla' l-inkwiet. Żied jgħid li dakinhar li seħħ l-inċident, huwa kien iddeċieda li jagħmel ix-xogħol xorta waħda, minkejja li kien weġġa' drabi oħra fuq il-post tax-xogħol. Qal li l-*foreman* ikun jista' jara x'qiegħed jiġri abbord permezz tas-sistema tal-*computer,* u jkun hemm drabi meta *foreman* jitla' abbord qabel jibda jsir ix-xogħol u drabi oħra meta ma jsirx hekk. Ix-xhud qal li minkejja li l-attur kien weġġa' fl-inċident inkwistjoni, ix-xhud xorta waħda kien ġie ordnat ikompli bix-xogħol waħdu. Ix-xhud qal ukoll li meta l-ħaddiema tax-Xatt jitilgħu jagħmlu x-xogħol abbord, ma javżawx lill-membri tal-ekwipaġġ li jkunu telgħin. Qal ukoll li x-xogħol tal-ħaddiema tax-Xatt fil-Freeport ikollu jsir b'ħafna għaġġla għaliex it-telf ta' ħin jiswa ħafna flus għal Malta Freeport Terminals Limited.

Waqt l-udjenza tat-18 ta' Ottubru, 2017 sar il-kontroeżami ta' **Mr Jason Zammit**[30], li qal li mill-*x-rays* li ttieħdu fuq l-attur, jirriżulta li minkejja li l-ksur li dan sofra kien għaqad, dan għad għandu deformità fl-għadma tal-għarqub. Ix-xhud spjega li huwa ferm improbabbli li persuna titwieled b'din id-deformità, iżda ma setax jgħid b'ċertezza jekk l-attur kellux xi inċident ieħor qabel l-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri. Qal ukoll li f'każ li jirriżulta li l-attur kien qiegħed jieħu terapija minħabba problemi fit-*thyroid,* dan it-trattament ma kellux jaffettwa l-ksur li huwa sofra jew il-mod kif fieqet l-għadma. Ix-xhud ikkonferma li huwa kien ikkonsulta l-*file* mediku tal-attur, u kieku rriżultalu li l-

[30] *A fol.* 278 tal-proċess.

attur kellu xi sitwazzjonijiet mediċi preċedenti li jista' jkollhom rilevanza għall-korriment mertu tal-kawża, huwa kien iniżżilhom fir-rapport tiegħu.

Waqt l-udjenza tat-22 ta' Novembru, 2017 xehed **Dr. Claude Magri**[31], *clinical oncologist,* li qal li huwa sar jaf lill-attur f'Jannar tal-2012 wara li kienet saritlu dijanjosi ta' kanċer fit-*thyroid.* Qal li wara li sar intervent kirurġiku fuq l-attur, huwa kien tah parir li jieħu trattament bir-*radio iodine,* li jittieħed f'forma ta' pinnola li jkollha doża ta' raġġi ġo fiha. Meta rriżulta li dan it-trattament ma kienx suffiċjenti, l-attur ingħata trattament permezz ta' raġġi esterni. Ix-xhud qal ukoll li l-attur ma kellu l-ebda restrizzjonijiet fiżiċi jew mediċi oħra fiż-żmien meta ingħata dan it-trattament, u huwa ma kienx ta parir lill-attur jieqaf mix-xogħol għal xi żmien.

Waqt l-udjenza tat-13 ta' Frar, 2018 xehed **Jude Bonnici**[32], li qal li huwa impjegat tal-Freeport bħala uffiċjal inkarigat mill-operat, fejn jagħti *support* b'mod ġenerali lill-operat tal-kumpannija. Ix-xhud qal li huwa familjari mal-manwali '*Stevedoring Procedures*', u minkejja li jeżisti dan id-dokument, il-ħaddiema huma mistennija jwasslu l-ilmenti tagħhom permezz tar-rappreżentanti tagħhom. Ix-xhud qal li kull wieħed mill-ħaddiema tax-Xatt ingħata kopja ta' dan id-dokument, u dan apparti t-taħriġ li jingħataw. Ix-xhud qal li dakinhar li seħħ l-inċident, dan il-manwali kien diġà ngħata lill-ħaddiema. Ix-xhud qal li meta ġie ntrodott dan il-manwali, il-ħaddiema bdew jiġu eżentati minn fuq il-lant tax-xogħol a spejjeż tal-kumpannija, u dan sabiex ikunu jistgħu jinvolvu ruħhom f'miżuri ta' titjib tas-saħħa u s-sigurtà. B'riferiment għall-inċident inkwistjoni u għal dak li xehed dwaru l-attur Christopher Sammut, ix-xhud qal li jekk dan kien irriżultalu li kien hemm ħafna materjal mitfugħ fil-

[31] *A fol.* 287 tal-proċess.
[32] *A fol.* 295 tal-proċess.

passaġġ tal-gallerija fejn kellu jsir ix-xogħol, dan kellu l-obbligu li ma jipproċedix bix-xogħol. Dan ix-xhud kompla jagħti d-depożizzjoni tiegħu waqt l-udjenza tat-22 ta' Marzu, 2018[33], fejn spjega li kull darba li l-manwali bil-proċeduri ġie rivedut għal xi raġuni, il-ħaddiema ġew mgħarrfa b'dan it-tibdil.[34] L-istess xhud reġa' xehed waqt l-udjenza tal-24 ta' Mejju, 2018[35], fejn esebixxa kopja tal-proċeduri tal-i*stevedoring* li kienu viġenti fl-2013[36] u fl-2014. Ix-xhud qal li dak iż-żmien dan id-dokument kien ingħata lil Malta Dockers Union, u l-Malta Freeport dak iż-żmien ma kinitx tat kopja ta' dan id-dokument direttament lill-ħaddiema tax-Xatt. Il-Qorti tirrileva li skont dan il-manwali, il-proċedura għall-ilmenti tal-ħaddiema tax-Xatt kienet tgħid illi:

> "Jekk l-istevedores/*deckman,* jew ħaddiema jiltaqgħu ma' ċirkostanzi waqt ix-xogħol jew fuq it-terminal jew fuq il-vapur li mhux skont il-proċeduri f'dan il-ktieb jew fejn hemm nuqqas ta' *safety* għandhom jiġbdu l-attenzjoni tal-*foreman* u/jew tax-*shift leader* u r-rappreżentant tas-*safety* tal-ħaddiema.
>
> Dawn għandhom jaraw iċ-ċirkostanzi u jekk hemm bżonn, jitkellmu mas-superjuri tagħhom. Ix-xogħol għandu jipproċedi skont l-istruzzjoni tagħhom."

Is-soċjetà konvenuta Carmelo Caruana Company Limited ippreżentat l-*affidavit* ta' **Darin Zahra**[37], li qal li huwa *senior agency & business development manager* f'din il-kumpannija, u f'dan ir-rwol huwa jieħu ħsieb l-attivitajiet kollha marbuta mad-dipartiment tal-aġenziji. Ix-xhud ippreżenta lista bl-ismijiet tal-membri tal-ekwipaġġ li kienu abbord il-bastiment meta dan iddaħħal f'Malta fil-5 ta' Settembru, 2013[38], kif ukoll ir-rapport tal-wasla li

[33] *A fol.* 301 tal-proċess.
[34] Kopja tal-manwal intitolat 'Proċeduri tal-Istevedoring' esebit mix-xhud Jude Bonnici *a fol.* 305 tal-proċess. Dan id-dokument hu l-verżjoni tal-5 ta' Frar, 2015.
[35] *A fol.* 324 tal-proċess.
[36] *A fol.* 327 tal-proċess.
[37] *A fol.* 343 tal-proċess.
[38] *A fol.* 346 tal-proċess.

tħejja għas-sidien wara li l-bastiment intrabat fit-*terminal* tal-Freeport.[39] Ix-xhud ikkonferma li dakinhar li seħħ l-inċident, Carmelo Caruana Company Limited kienet l-aġent ta' CMA CGM S.A., u l-bastiment inkwistjoni kien *time chartered* lil CMA CGM S.A.. Ix-xhud qal li Carmelo Caruana Company Limited tipprovdi għadd ta' servizzi, li jinkludu *freight forwarding,* magazzinaġġ kif ukoll aġenzija ta' vapuri għall-prinċipali tal-vapuri li jkunu barranin. Qal li s-servizzi ta' aġenzija jibdew jingħataw hekk kif il-vapur jasal fl-ibħra territorjali Maltin, u l-prinċipal ħafna drabi jkun is-sid tal-bastiment jew iċ-*charterer* tiegħu. Spjega li Carmelo Caruana Company Limited ma tipprovdi l-ebda servizz jekk ma tintalabx jew ma tiġix awtorizzata tagħmel dan mill-prinċipal. Qal li l-kumpannija CMA CGM S.A. topera flotta kbira ta' bastimenti u l-vapuri tal-kumpannija jagħmlu diversi sejħiet fil-portijiet Maltin. Ix-xhud qal li fiż-żmien meta seħħ l-inċident, il-kumpannija Carmelo Caruana Company Limited kienet l-aġent lokali ta' din is-soċjetà estera, u in vista tal-volum ta' xogħol li kienet iġġib lejn Malta CMA CGM S.A., il-kumpannija Carmelo Caruana Company Limited kienet tassigura li kellha ftehim bil-miktub li kien jiddettalja t-tip ta' xogħol li din il-kumpannija setgħet tagħmel bħala aġent. Ix-xhud qal ukoll li fl-2015 Carmelo Caruana Company Limited ma baqgħetx aġent ta' CMA CGM S.A., meta kienet twaqqfet entità ġdida bl-isem CMA CGM Malta Agency Limited sabiex tagħmel xogħol ta' aġenzija lokali għal CMA CGM S.A. Qal li meta bastiment jidħol il-Freeport sabiex jgħabbi jew iħott merkanzija, il-*carrier* jagħmel negozjati mat-*terminal* sabiex jirriserva *slot* għalih minn fejn ikunu jistgħu jsiru dawn l-operazzjonijiet. Ix-xhud qal li la Carmelo Caruana Company Limited u lanqas CMA CGM S.A. m'għandhom xi forma ta' relazzjoni kontrattwali mal-ħaddiema tax-Xatt, u żied li l-kumpannija Carmelo Caruana

[39] *A fol.* 347 tal-proċess.

Company Limited qatt ma tagħmel kuntatt dirett mal-ħaddiema tax-Xatt. Qal li t-tip ta' xogħol li jkun meħtieġ li jsir jiġi diskuss bejn Malta Freeport Terminal Limited u CMA CGM S.A., u hija Malta Freeport Terminal Limited li tagħmel l-arranġamenti neċessarji sabiex il-*foreman* ikun jista' jassenja l-ħaddiema tax-Xatt skont il-ħtieġa. Żied jgħid li f'każijiet fejn il-ħaddiema li jitilgħu abbord jaraw li s-sitwazzjoni fuq il-bastiment hija waħda perikoluża, dawn għandhom jirrifjutaw li jaħdmu, u għandhom iwasslu l-ilment tagħhom lill-*foreman* tal-Freeport. Kompla jgħid li meta Carmelo Caruana Company Limited tiġi nfurmata b'xi ilment bħal dan, din l-informazzjoni tintbagħat lill-prinċipal tal-bastiment, u f'ċirkostanzi bħal dawn issir spezzjoni konġunta bejn uffiċjali tat-*terminal*, rappreżentanti tal-ħaddiema tax-Xatt, rappreżentant ta' CMA CGM S.A., u rappreżentant tal-bastiment, sabiex jiġi deċiż kif għandu jsir ix-xogħol. Ix-xhud qal ukoll li ħafna bastimenti għandhom sistemi ta' lqugħ li jistgħu jinqalgħu, u żied jgħid li f'każ li n-nuqqas ta' dan l-ilqugħ kien qiegħed jikkawża periklu għall-ħaddiema tax-Xatt, dawn kellhom iwasslu l-ilment tagħhom lill-*foreman* u f'dak il-każ Malta Freeport Terminals Limited kienet tieħu ħsieb tinforma lil Carmelo Caruana Company Limited b'dan, bħala aġenti ta' CMA CGM.

Waqt l-udjenza tal-15 ta' Novembru, 2018 sar il-kontroeżami ta' **Jude Bonnici**[40], li b'riferiment għax-xhieda li kien ta f'udjenza preċedenti, spjega li l-Malta Freeport Terminals Limited ma tagħtix taħriġ dirett lill-ħaddiema tax-Xatt. Qal li qabel inħareġ il-manwali bil-proċeduri, kien hemm sistema fis-seħħ fejn kienu jsiru laqgħat ma' rappreżentanti tas-saħħa u s-sigurtà fejn kienu jiġu diskussi ideat dwar kif ix-xogħol fil-Freeport jista' jitjieb mil-lat ta' saħħa u sigurtà. Qal li dawn il-laqgħat kienu jsiru ma' rappreżentanti tal-ħaddiema tax-

[40] *A fol.* 350 tal-proċess.

Xatt għas-saħħa u s-sigurtà, ma' rappreżentanti ta' Malta Freeport Terminals Limited, u preżenti kien ikun hemm ukoll rappreżentant ta' Malta Dockers' Union. Ix-xhud qal li Malta Freeport jagħti taħriġ lill-ħaddiema tiegħu, filwaqt li l-ħaddiema tax-Xatt jiġu mħarrġa minn Transport Malta. Żied jgħid li hemm miżuri li jirregolaw is-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema tax-Xatt li tieħu ħsiebhom il-Malta Dockers' Union, iżda hemm sistema fil-Freeport fejn isir evalwazzjoni tar-riskju tax-xogħlijiet differenti li jridu jsiru. Ix-xhud qal ukoll li l-manwali bil-proċeduri dwar l-i*stevedoring* huwa riżultat tar-*risk assessments* li saru fil-Freeport. Żied jispjega li x-*shift leader* huwa impjegat direttament ma' Malta Freeport Terminals Limited, u l-*foreman* jagħti servizz lil Malta Freeport peress li huwa responsabbli mid-*deployment* tal-ħaddiema tax-Xatt u jieħu ħsieb jassenja u jqassam ix-xogħol li jkun meħtieġ li jsir. Spjega li x-*shift leader* huwa l-persuna responsabbli mill-attivitajiet li jsiru fuq il-vapur u huwa r-rappreżentant fuq il-vapur tal-*employer,* Malta Freeport. Ix-xhud kompla jgħid li x-*shift leader* huwa responsabbli għal dak li jsir fuq il-vapur, filwaqt li l-*foreman* huwa ngaġġat taħt l-Ordinanza sabiex jagħti servizz lix-*shift leader* fuq il-vapur. Qal li fl-aħħar mill-aħħar, hija Malta Freeport Terminals Limited li għandha responsabbilità tas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema fuq il-vapur. Żied jgħid li kif jidħol bastiment Malta, kemm ix-*shift leader,* kif ukoll il-*foreman* iridu jitilgħu fuq il-vapur, jitkellmu mal-*vessel command* u jikkonfermaw jekk hemmx xi nuqqasijiet abbord, iżda dak il-ħin ikun impossibbli li ssir spezzjoni tal-ambjent tax-xogħol, anki minħabba li uħud mill-bastimenti huma kbar ħafna. Żied jgħid li l-ħaddiema huma mistennija li jitkellmu f'każ li jaraw li hemm xi nuqqasijiet jew xi perikli għas-saħħa u s-sigurtà tagħhom. Ix-xhud qal li waqt li jkun qiegħed isir il-*briefing* mal-*vessel command,* il-ħaddiema li

jitilgħu jaħdmu abbord, ikunu diġà bdew iħejju ruħhom għax-xogħol, u waqt li l-*foreman* ikun qiegħed idur fuq il-vapur, ħafna drabi jkun diġà nbeda x-xogħol.

Waqt l-udjenza tad-9 ta' Jannar, 2019 tkompla l-kontroeżami ta' **Jude Bonnici**[41], li esebixxa kopja tar-*risk assessment* li kien sar fl-2013 fir-rigward tal-ħaddiema tax-Xatt. Spjega li l-*foreman* u x-*shift leader* jitilgħu abbord sabiex jevalwaw ir-riskji li jkun hemm fuq il-bastiment, u żied jgħid li dan huwa l-uniku mod kif tista' ssir evalwazzjoni tar-riskju, billi jitilgħu persuni abbord. Qal li dak il-ħin timtela *check list*, li tingħata biex tinżamm fl-arkivji tal-vapur li jinżammu il-Freeport, u din issir sabiex jiġi assigurat li l-ħaddiema ser jintbagħtu jaħdmu f'post li huwa sigur. Ix-xhud ikkonferma li waħda mill-miżuri ta' sigurtà abbord tispeċifika li l-pjattaformi fuq il-bastiment irid ikollhom ilqugħ bħala protezzjoni għall-ħaddiema. Qal li wara li jsir il-*briefing* mill-*vessel command* mal-uffiċjali tal-Freeport, u jiġi stabbilit jekk abbord hemmx żoni li jistgħu jkunu ta' periklu għall-ħaddiema, huma l-ħaddiema li jridu jevalwaw is-sitwazzjoni u jaraw jekk hemmx periklu għalihom, u dan jistgħu jagħmluh bis-saħħa tat-taħriġ li jkunu ngħataw. Spjega li f'dan ix-xenarju, il-Freeport jiddependi fuq il-ħaddiema tax-Xatt, fuq il-*foreman* u fuq ix-*shift leader,* biex jassigura li l-miżuri ta' sigurtà abbord jiġu osservati. Qal li minkejja li x-*shift leader* jitla' abbord u jkun fiżikament fuq il-vapur, dan ma jmurx f'ċertu għoli. Qal li x-*shift leader* joqgħod fuq il-kelma tal-kaptan, li ma jagħti l-ebda dikjarazzjoni bil-miktub, u jibda x-xogħol mill-ħaddiema tax-Xatt, iżda sadanittant ix-*shift leader* jagħżel hu fejn għandu jagħmel is-superviżjoni. Qal li l-ħaddiema tax-Xatt li jintalbu jaħdmu f'oqsma u f'żoni speċifiċi tal-vapur, ikunu aktar f'pożizzjoni li jistgħu jidentifikaw il-problemi jekk ikun hemm, fiż-żona li jkunu qegħdin jaħdmu fiha. Ix-xhud spjega li l-ħaddiema tax-Xatt huma

[41] *A fol.* 374 tal-proċess.

liċenzjati minn Transport Malta, u din il-liċenzja tingħata għall-ħiliet li dawn il-ħaddiema jkunu akkumulaw. Qal li Malta Freeport Terminals Limited teħodha bħala regola li kull ħaddiem li jintbagħat jaħdem ix-Xatt, għandu ċertu taħriġ warajh. Ix-xhud spjega li hija Malta Dockers Union li għandha obbligu tagħti taħriġ lill-ħaddiema tax-Xatt, u Malta Freeport qatt ma ħa l-inizjattiva li jgħaddi l-manwali tal-proċeduri direttament lill-ħaddiema tax-Xatt jew li jagħti t-taħriġ lill-ħaddiema hu. Ix-xhud qal li l-ilmenti tal-ħaddiema tax-Xatt jitwasslu lill-*foreman,* u l-*foreman* li jagħti servizz lill-Freeport idur fuq ix-*shift leader,* li jieħu d-deċiżjonijiet li jkun hemm bżonn dak il-ħin. Ix-xhud ippreżenta kopja ta' rapport bir-*risk assessment* li sar għall-ħaddiema tax-Xatt, bid-data tal-25 ta' Ġunju, 2013.[42]

Permezz ta' nota ppreżentata fil-31 ta' Jannar, 2019, is-soċjetà **Carmelo Caruana Company Limited** ippreżentat l-*affidavit* ta' **Charlotte Grandjean**, impjegata mas-soċjetà estera CMA CGM S.A.[43], li spjegat li hija taħdem bħala avukat mad-dipartiment taċ-*chartering* tal-istess kumpannija, u f'dan ir-rwol hija responsabbli mill-problemi legali li jinqalgħu b'rabta ma' bastimenti mikrija lill-kumpannija, fosthom kwistjonijiet dwar danni personali. Ix-xhud spjegat li CMA CGM S.A. hija regolata mil-liġijiet Franċiżi u n-negozju ewlieni tagħha jinvolvi l-ġarr tal-merkanzija bil-baħar. Spjegat li sabiex tista' tipprovdi dan is-servizz, il-kumpannija tikri numru kbir ta' bastimenti, u topera madwar 200 rotta differenti f'420 port f'150 ġurisdizzjoni differenti. Ix-xhud spjegat li f'dan il-qasam hemm tliet tipi ta' *charters* ta' vapuri: *voyage charter* fejn l-operatur jikri bastiment għal vjaġġ wieħed partikolari; *time charter* fejn l-operatur jikri bastiment għal żmien speċifiku, u jagħti ordnijiet dwar f'liema

[42] *A fol.* 398 tal-proċess.
[43] *A fol.* 407 *et seq.* tal-proċess.

portijiet għandu jidħol il-bastiment, iżda f'dawn iċ-ċirkostanzi huwa s-sid tal-bastiment li jkollu kontroll fuq il-bastiment u l-ekwipaġġ tiegħu; u *bareboat charter* fejn l-operatur jikri bastiment u jagħmel hu l-arranġamenti kollha neċessarji b'rabta mal-ekwipaġġ u l-manutenzjoni tal-bastiment. F'dan ix-xenarju, il-*bareboat charterer* jassumi ħafna mir-responsabbilitajiet tas-sid. Ix-xhud qalet li dawn it-tip ta' *charters* huma regolati minn kuntratti *standard* għall-industrija, għalkemm il-partijiet jibqgħu liberi li jemendaw il-klawsoli f'dawn il-kuntratti skont il-ħtiġijiet tagħhom. Ix-xhud kompliet tgħid li fiż-żmien meta seħħ l-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri, l-OS Bodrum kien qiegħed itajjar il-bandiera ta' Antigua u Barbuda, u CMA CGM S.A. kellha ftehim ta' *time charter* ma' OS Bodrum Schiffahrtsgesellschaft mbH & Co. KG, li kien ilu fis-seħħ mis-26 ta' Frar, 2013[44], u l-bastiment inkwistjoni kien qiegħed jopera hekk imsejħa *liner route,* li kienet tinkludi sejħiet regolari fil-portijiet Maltin. Ix-xhud qalet li permezz ta' dan l-arranġament, CMA CGM S.A. ma kinitx topera, tinnaviga jew tagħmel manutenzjoni fuq il-bastiment hi, u lanqas ma kellha kontroll fuq l-ekwipaġġ tal-bastiment jew fuq il-kundizzjoni tiegħu.[45] Ix-xhud spjegat li meta seħħ l-inċident li kien involut fih l-attur, il-bastiment inkwistjoni kien daħal fit-*terminal* tal-Freeport sabiex iħott u jgħabbi l-*containers,* u CMA CGM S.A. kull ma kellha tagħmel kien li tagħti struzzjonijiet lil Malta Freeport Terminal dwar liema *containers* kellhom jinħattu u jitgħabbew fuq il-bastiment.[46] Konsegwentement kienet Malta

[44] Kopja ta' liema ġiet esebita mix-xhud *a fol.* 412 *et seq.* tal-proċess.

[45] Fi kliem ix-xhud: "*Under this Charterparty CMA CGM S.A., as the time charterers, did not operate, navigate or maintain the vessel. Nor did CMA CGM S.A. employ or engage or have control over the crew of the M/V OS Bodrum under the charterwith OS Bodrum Schiffahrtsgesellschaft. Likewise CMA CGM S.A. had no control of the condition of the deck, hatch covers or gangways of the MV/OS Bodrum.*"

[46] Il-ftehim bejn CMA CGM S.A. u Malta Freeport Terminals Limited huwa regolat bis-saħħa tal-kuntratt li jinsab esebit *a fol.* 440 tal-proċess. Klawsola 3.1 ta' dan il-ftehim tgħid hekk - "*In providing the Terminal services Malta Freeport Terminals Ltd irrevocably guarantees the following to the Line: Sufficiently experienced managers and labour to ensure the guarantee of productivity; An efficient maintenance and repair infrastructure to assure the respect of the productivity guaranteed; Security of Containers and Cargo while within the terminal; Security of stevedores working on board the Containership. ...*"

Freeport Terminals Limited li bagħtet lill-ħaddiema tax-Xatt biex jaħdmu fuq dan il-bastiment, u għamlet l-arranġamenti neċessarji sabiex dawn jitilgħu abbord u jaħdmu mal-membri tal-ekwipaġġ. Ix-xhud ikkonkludiet billi qalet li CMA CGM S.A. ma kinitx inkarigata sabiex tissorvelja l-proċeduri tat-tagħbija u l-ħatt fuq il-bastiment inkwistjoni waqt li dan kien fil-portijiet Maltin.

Waqt l-udjenza tat-8 ta' Marzu, 2019, tkompla l-kontroeżami ta' **Jude Bonnici**[47], li qal li l-eżerċizzju ta' verifika ma' *checklist* mill-*foreman* jew *shift leader* beda jsir fl-2015, u għalhekk dakinhar li seħħ l-inċident li kien involut fih l-attur, din iċ-*checklist* ma kinitx issir.

Waqt l-udjenza tat-8 ta' Marzu, 2019 xehed **Dr. Duncan Borg Myatt**, direttur ta' Malta Freeport Terminals Limited, inkarigat mir-riżorsi umani, mill-affarijiet legali u mis-saħħa u sigurtà fil-Freeport.[48] Ix-xhud esebixxa kopja tal-kuntratt li kien jirregola l-ftehim bejn CMA CGM u Malta Freeport Terminals Limited[49], kopja tal-Ftehim fuq il-Livell ta' Servizz bejn Malta Freeport Terminals Limited u Malta Dockers Union dwar il-Ħaddiema Liċenzjati tal-Port[50], liema ftehim fost l-oħrajn jirregola d-doveri tal-ħaddiema liċenzjati tax-Xatt fil-Freeport, li jistipula li l-ħaddiema għandhom ikunu liċenzjati minn Transport Malta, u għandhom ikunu mħarrġa u/jew ikollhom esperjenza adegwata sabiex jaqdu d-doveri tagħhhom skont dan il-Ftehim. Klawsola 2(iii) tgħid ukoll li Malta Freeport Terminals Limited tista' tipprovdi faċilitajiet għal taħriġ ta' ħaddiem f'każ li jkun jidher li l-ħaddiem ikun jeħtieġ dak it-taħriġ. Klawsola (vi) tistipula wkoll li Malta Freeport Terminals Limited għandha d-dritt li jista' jiġi eżerċitat f'kull ħin, li jekk jirriżulta li ħaddiem ma jkunx fi stat li jkompli jew li jagħmel ix-

[47] *A fol.* 481 tal-proċess.
[48] *A fol.* 504 tal-proċess.
[49] *A fol.* 483 tal-proċess.
[50] *A fol.* 488 tal-proċess.

xogħol li ġie assenjat lilu, tissospendieh jew tibagħtu lura, u tissostitwixxih b'ħaddiem ieħor.

Waqt l-istess udjenza xehed ukoll **Robert Meachen**, impjegat ma' CMA CGM Malta Agency[51], li spjega li din il-kumpannija hija l-aġent preżenti ta' CMA CGM S.A., u qabel l-2015 l-aġenti ta' CMA CGM S.A. kienu Carmelo Caruana Company Limited. Ix-xhud qal li fiż-żmien meta seħħ l-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri, huwa kien impjegat ma' Carmelo Caruana Company Limited, u x-xogħol kien isir billi CMA CGM S.A. kienet tibgħat dokumenti lill-Freeport dwar liema *containers* kellhom jitniżżlu minn fuq il-vapur mal-wasla tiegħu f'Malta. Ix-xhud esebixxa dokument li qal li kien intbagħat lil Malta Freeport madwar tliet sigħat wara l-wasla tal-vapur f'Malta.[52] Qal li l-kaptan tal-vapur jibgħat ukoll lista tal-membri tal-ekwipaġġ li jkunu xogħol abbord.[53] Ix-xhud esebixxa wkoll *berthing plan*[54] u spjega li hekk kif vapur jasal il-Freeport, jinħareġ dan id-dokument li jindika d-data u l-ħin meta għandu jasal il-vapur u qal li dan id-dokument jinħareġ mill-Freeport u jintbagħat lill-aġenti tal-vapur. Ġiet esebita ukoll kopja tal-*arrival report* tal-bastiment, u x-xhud spjega li kull darba li jidħol vapur hawn Malta, l-aġenti tiegħu jitilgħu abbord u jagħmlu eżerċizzju msejjaħ "pratka", billi jiġbru l-figuri tal-vapur mil-*log book* tiegħu stess.[55] Ix-xhud ippreżenta wkoll id-*departure report* b'dettalji dwar it-tluq tal-vapur minn Malta.[56] Ix-xhud qal li fost id-dokumenti relatati ma' dan il-vapur li huwa sab, kien hemm rapport maħruġ mill-*health and safety department* tal-Freeport wara li fl-24 ta' April, 2013 kienet saret spezzjoni fuq l-istess vapur min-nies tal-Freeport fejn kienu preżenti wkoll ħaddiema tax-Xatt u

[51] *A fol.* 506 tal-proċess.
[52] *A fol.* 513 tal-proċess.
[53] *A fol.* 526 tal-proċess.
[54] *A fol.* 527 tal-proċess.
[55] *A fol.* 529 tal-proċess.
[56] *A fol.* 530 tal-proċess.

rappreżentanti tal-aġenzija.[57] L-istess xhud ippreżenta għadd ta’ ritratti li ntbagħtu lilu ta’ diversi bastimenti, mhux ta’ dak li fuqu seħħ l-inċident mertu ta’ dawn il-proċeduri, sabiex juri s-sitwazzjoni fuq il-*lashing bridges* tal-bastimenti kif tkun.[58] Ix-xhud esebixxa wkoll kopja ta’ komunikazzjoni li hu kellu mal-kaptan tal-vapur, fejn ġie kkonfermat li dan il-vapur għandu *removable railings,* u dawn għadhom l-istess bħal ma kienu fiż-żmien meta seħħ l-inċident.[59]

Permezz ta’ nota tat-8 ta’ Marzu, 2019, is-soċjetà konvenuta Carmelo Caruana Company Limited pro et noe ppreżentat l-*affidavit* tal-espert *ex parte* **l-Inġinier Paul Cardona**[60], li qal li huwa seta’ jipprepara dan ir-rapport abbażi tal-għarfien tiegħu tal-bastiment inkwistjoni, kif ukoll mill-informazzjoni u d-dokumentazzjoni relatata mal-bastiment inkwistjoni. Ix-xhud spjega li l-OS Bodrum huwa *container feeder vessel* li kien *time-chartered* lil CMA CGM S.A. meta seħħ l-inċident mertu ta’ dawn il-proċeduri, u Malta Freeport Terminal huwa l-port reġjonali ewlieni li tuża CMA CGM S.A. għaż-żona kollha tal-Mediterran. Qal li dan ifisser li diversi bastimenti jidħlu Malta bil-*containers* li jkunu jridu jinħattu, u uħud minn dawn il-*containers* jitgħabbew fuq bastimenti oħrajn u jerġgħu jitilqu minn Malta lejn id-destinazzjoni finali tagħhom. Ix-xhud żied jgħid li l-loġistika involuta f’dawn l-operazzjonijiet hija waħda kumplessa u organizzata ħafna, u mill-informazzjoni mibgħuta minn CMA CGM S.A. lil Malta Freeport jidher li fiż-żmien meta OS Bodrum kien Malta meta seħħ l-inċident mertu ta’ dawn il-proċeduri, ma kellu jsir l-ebda xogħol ta’ ħatt u tagħbija fil-*bays* bin-numri 25 u 27, li huma l-*bays* fejn seħħ l-

[57] *A fol.* 531 tal-proċess.
[58] *A fol.* 534 *et seq.* tal-proċess.
[59] *A fol.* 545 tal-proċess.
[60] *A fol.* 547 tal-proċess.

inċident li kien involut fih l-attur. Ix-xhud spjega li Malta Freeport tgħaddi dawn il-pjanti lill-*foreman* li jieħu ħsieb jassenja l-ħaddiema tax-Xatt fuq id-diversi bastimenti li jkun hemm fil-port, u li jieħu ħsieb jinforma lill-ħaddiema rigward f'liema *bays* ikunu sejrin isiru l-operazzjonijiet ta' ħatt. Żied jgħid li bastiment jista' jidħol fil-portijiet Maltin biss wara li jkun ingħata struzzjonijiet u *clearance* minn Malta Freeport Terminals Limited u minn Transport Malta (Valletta Port Control), u la s-sidien tal-bastiment, la CMA CGM S.A. u lanqas l-aġenti tal-bastiment m'għandhom xi forma ta' kontroll dwar kif isir dan. Ix-xhud qal li hekk kif bastiment jorbot mal-moll fiż-żona tal-Freeport, huwa normali li wieħed jara diversi ħaddiema telgħin abbord sabiex immedjatament jibda x-xogħol ta' *unlashing* fiż-żoni maħsuba għalhekk. Qal li mill-pjanta li ntbagħtet minn CMA CGM lil Malta Freeport Terminals, jidher li l-ebda merkanzija ma kellha tinħatt f'*bays* 25 u 27 waqt il-waqfa ta' dan il-bastiment f'Malta. Fi kliem ix-xhud:

> *"... it is clear from the said container discharge and loading plans submitted by CMA CGM to Malta Freeport Terminals Limited, that* ***absolutely no cargo operations were scheduled to take place in Bay 25 or even Bay 27, during the OS Bodrum's call at Malta Freeport on the 8th and 9th September 2013.***
>
> *Therefore, Mr Sammut and his colleague had no reason to access the platform aft of Bay No. 25 and should certainly not have unlashed any containers stowed in subject bay. The Container Discharge and Loading plans had been transmitted by CMA CGM to MFT in a timely manner.*
>
> *In my view therefore, most likely there was a lack of communication or misunderstanding somewhere between Malta Freeport Terminals Limited, its foreman and the stevedores in question. As a result, for some reason the stevedores unlashed the cargo that was not intended to be discharged in Malta in an area of the ship they should not have been accessing."*

Ix-xhud kompla jgħid li l-mod kif jaħdmu l-ħaddiema tax-Xatt u s-superviżjoni ta' dawn il-ħaddiema ma jaqgħux taħt ir-responsabbilità tas-sidien tal-bastiment, jew taċ-*charterer* jew tal-aġent, u dawn il-ħaddiema jaqgħu taħt ir-responsabbilità tal-*foreman* tal-Freeport. Ix-xhud spjega li f'kull xift partikolari fil-Freeport ikun hemm biss *foreman* wieħed, u meta fil-port ikun hemm diversi bastimenti marbuta, il-*foreman* ikollu ħafna xogħol li jkun irid ilaħħaq miegħu. Ix-xhud qal li l-attur u l-kollega tiegħu Lawrence Attard bdew jagħmlu xogħol ta' *unlashing* mingħajr ma kienu jafu l-pożizzjonijiet tal-*containers* li kellhom jinħattu jew jitgħabbew. Kompla jispjega li sabiex bastiment ikun jista' jbaħħar fl-ibħra internazzjonali, dan irid ikun mibni u miżmum f'konformità mar-regolamenti maħruġa mill-International Maritime Organisation. Ix-xhud qal li huma diversi l-bastimenti li għandhom *hand railings* li jistgħu jinqalgħu, u hija prattika komuni u korretta f'dan ix-xogħol li dawn ir-*railings* jinqalgħu waqt it-tbaħħir u jintrefgħu, sabiex dawn ikunu protetti mill-elementi. Ix-xhud qal ukoll li bastimenti mgħammra b'dawn it-tip ta' *railings,* ikunu suġġetti għal aktar regolamentazzjoni u verifiki kontinwi. Ix-xhud spjega wkoll li l-prattika fl-industrija hija li l-persuni li jitilgħu abbord jistgħu jżuru biss dawk iż-żoni tal-bastiment li għandhom permess jaċċessaw, u l-membri tal-ekwipaġġ tal-bastiment m'għandhomx għalfejn jarmaw il-*hand railings* f'dawk iż-żoni tal-vapur li ma jkunux ser jintużaw waqt dik il-waqfa partikolari. Ix-xhud qal li f'dan il-każ, ladarba l-pjan kien li l-*bays* bin-numri 25 u 27 ma kinux ser jintużaw, il-membri tal-ekwipaġġ ma kellhom l-ebda obbligu li jarmaw ir-*railings*[61], u li kieku f'dan il-każ il-ħaddiema tax-Xatt ġibdu l-attenzjoni tal-membri tal-ekwipaġġ li kien hemm *hand railing* nieqes fuq il-bastiment, dawn

[61] Fi kliem ix-xhud, *"In this present case, Mr Christopher Sammut and his "buddy" accessed the platform aft of bay No. 25 without having communicated with the vessel's crew. Since there were absolutely no cargo scheduled to be discharged or loaded from Bay No. 25 and/or 27 of the vessel during its stop at Malta, the crew were not required to set up or rig the portable hand railing to the aft edge of the platform aft of Bay No. 25. The subject platform is only required to provide access when lashing or unlashing cargo loaded in Bays No. 25 and/or Bay No. 27."*

kienu jwaħħluh kif spiss jiġri f'ċirkostanzi simili. B'riferiment għar-ritratti esebiti mill-attur li juru materjal mitluq fl-art fejn kienu qegħdin jaħdmu l-ħaddiema tax-Xatt, ix-xhud qal li x'aktarx li ladarba dawk ir-ritratti ttieħdu immedjatament wara li seħħ l-inċident li kien involut fih l-attur, dak il-materjal inqala' minnu u minn sieħbu u tħalla fl-art minnhom. Ix-xhud qal li lilu ma jirriżultalux lanqas li l-pjanċi li allegatament waqa' fihom l-attur kienu msaddin jew ma kinux għadhom installati kif suppost, anki wara li seħħ l-inċident inkwistjoni. Flimkien mar-rapport tiegħu, ix-xhud ippreżenta għadd ta' dokumenti li kienu diġà ġew esebiti fl-atti ta' din il-kawża, u li jirriżulta li għamel riferiment għalihom sabiex irrediġa r-relazzjoni tiegħu.

Waqt l-udjenza tal-20 ta' Mejju, 2019 sar il-kontroeżami ta' **Jude Andrew Bonnici**[62], li qal li d-dokument bir-*risk assessment* esebit minnu waqt l-udjenza preċedenti, kien maħsub biex jintuża mill-ħaddiema tax-Xatt liċenzjati. Qal li dan id-dokument ġie komunikat lill-ħaddiema tax-Xatt billi ngħatat kopja tiegħu lis-*safety officer,* u lill-*health and safety representative* tal-ħaddiema tax-Xatt. Ix-xhud qal li t-taqsima tal-*operations management* tal-Freeport ġiet infurmata li kellha tikkonforma ma' dan ir-*risk assessment*, u li kienet din it-taqsima li kienet responsabbli mill-implimentazzjoni ta' dan id-dokument. Ix-xhud ikkonferma li minkejja li f'dan id-dokument hemm stipulat li l-passaġġi kollha tal-bastiment li l-ħaddiema jridu jaħdmu fuqhom għandhom ikunu mgħammra b'ilqugħ protettiv fil-parti ta' barra tagħhom, f'dan il-każ din il-protezzjoni kienet nieqsa. Ix-xhud ikkonferma wkoll li minkejja li skont dan id-dokument il-ħaddiema tax-Xatt għandhom jingħataw it-taħriġ meħtieġ, Malta Freeport Terminals Limited ma tagħtix taħriġ direttament hi lill-ħaddiema tax-Xatt. Ix-xhud qal ukoll li l-istruzzjonijiet bis-sekwenza dwar kif għandu jsir ix-

[62] *A fol.* 649 tal-proċess.

xogħol jingħataw mill-*foreman* flimkien mal-prinċipal, u dawn l-istruzzjonijiet joħorġu minn *network* sħiħa ta' operazzjonijiet li tkun għaddejja bejn diversi dipartimenti.

Waqt l-udjenza tal-21 ta' Ġunju, 2019 sar il-kontroeżami tal-**Inġinier Paul Cardona**[63], li qal li hu ħejja r-rapport esebit minnu wara li ġie nkarigat minn CMA CGM S.A. Ix-xhud qal li hu ma telgħax fuq il-bastiment dakinhar li seħħ l-inċident, u huwa bena r-rapport tiegħu abbażi ta' dokumentazzjoni li parti minnha kienet ippreżentata fl-atti ta' dawn il-proċeduri, kif ukoll mill-esperjenza li huwa għandu tal-vapur inkwistjoni. Ix-xhud qal li biex kiseb ċerti dokumenti u informazzjoni speċifika dwar l-operat fuq l-OS Bodrum, tkellem ma' impjegati oħra fl-uffiċċju ta' CMA CGM S.A. hawn Malta. Ix-xhud qal li wasal għall-konklużjoni li l-attur u sieħbu kienu qegħdin iħottu minn *bay* 25 u 27 abbażi ta' dak li jidher mir-ritratti esebiti, u mkien fir-rapport tal-Freeport anness mal-*affidavit* tal-attur ma ntqal li l-attur kien qiegħed iħott *containers* li ma kellhomx jinħattu Malta, u lanqas ma jirriżulta li waqt il-proċess tal-ħatt xi ħadd mill-membri tal-ekwipaġġ ġibed l-attenzjoni tal-attur li kien qiegħed iħott xogħol li mhux suppost li kellu jħott. Ix-xhud ikkonferma li ħaddiem tax-Xatt m'għandu l-ebda prerogattiva jiddeċiedi x'ser iħott minn fuq il-bastiment jew le. Żied jgħid li ċ-*charterer* m'għandu l-ebda kontroll fuq in-nies tax-Xatt, u hija Malta Freeport li għandha tagħti struzzjonijiet lil min irid jagħmel ix-xogħol meħtieġ fit-*terminal* tagħha.

Waqt l-udjenza tal-4 ta' Ottubru, 2019, sar il-kontroeżami ta' **Robert Meachen**[64], li qal li meta jasal bastiment f'Malta, jitilgħu l-Pulizija u l-Uffiċjali tad-Dwana abbord, sabiex jiġbru xi dokumenti u xi ċifri mingħand il-kaptan.

---

[63] *A fol.* 658 tal-proċess.
[64] *A fol.* 685 tal-proċess.

Qal li huwa f'dak il-ħin li jiġi vverifikat il-kaptan x'servizzi jkollu bżonn minn Malta. Qal li waqt din l-ispezzjoni, l-uffiċjali ma jdurux il-bastiment sabiex jaraw f'liema kundizzjoni jkun fiha. Ix-xhud qal li bħala proċedura, meta jkun hemm inċident abbord bastiment, il-kaptan jintalab jagħmel *statement of facts* u jibgħatha lis-sidien tal-vapur, u jintalab jinforma wkoll lil-linja, f'dan il-każ CMA CGM S.A. Ix-xhud qal li min-naħa tal-ħaddiema tas-sigurtà tal-Freeport ukoll issir investigazzjoni. Qal li f'dan il-każ żgur li kien hemm rapport li sar min-naħa tal-ħaddiema tas-sigurtà tal-Freeport, u CMA CGM S.A. kienu nfurmati b'dak li ġara wkoll.

Waqt l-udjenza tal-4 ta' Ottubru, 2019 xehed **Stephen Calleja**, *operations manager* ma' Malta Freeport Terminals Limited[65], li qal li l-*bay plan file* jintbagħat mingħand il-linja, u miegħu normalment ikun hemm struzzjonijiet dwar it-tagħbija u l-ħatt tal-*containers* abbord. Qal li hekk kif jaslu dawn il-pjanti, jiġi pproċessat il-*corporal file* sabiex jiġi stabbilit il-*containers* f'liema destinazzjoni sejrin, u sussegwentement ikunu l-*planners* li jagħmlu sekwenza dwar kif irid jinżel ix-xogħol minn fuq il-bastiment. Ix-xhud qal li l-ħaddiema tax-Xatt ikunu ggwidati minn *foreman* li jkun qiegħed jikkomunika mad-*duty manager* li jkun fuq ix-xift tal-vapur partikolari min-naħa tal-Freeport.

**<u>Konsiderazzjonijiet legali</u>**

Il-Qorti sejra tibda biex tindirizza t-talbiet tal-attur billi tagħmel analiżi tal-provi miġjuba, sabiex tistabbilixxi jekk fl-ewwel lok il-konvenuti għandhomx jinżammu responsabbli, jew min minnhom, għall-inċident inkwistjoni. Is-soċjetà konvenuta Carmelo Caruana Company Limited ressqet l-eċċezzjoni li

[65] *A fol.* 696 tal-proċess.

hija mhijiex leġittimu kontradittur, għax meta seħħ l-inċident hija kienet aġent ta' CMA CGM S.A., kumpannija li kellha arranġament ta' *time chartering* tal-bastiment li fuqu seħħ l-inċident. In vista ta' din l-eċċezzjoni, jeħtieġ li l-Qorti tistħarreġ bir-reqqa x'kienet ir-relazzjoni bejn l-attur u kull waħda mill-konvenuti, kif ukoll x'responsabbiltajiet kienu mistennija jinġarru minn kull waħda minnhom fir-relazzjoni tagħhom mal-attur.

Mill-provi jirriżulta li l-inċident li kien involut fih l-attur seħħ waqt li kien qiegħed jagħmel ix-xogħol tiegħu bħala ħaddiem tax-Xatt, abbord bastiment OS Bodrum, bastiment mikri (*chartered*) mil-linja ta' tbaħħir CMA CGM S.A., li l-aġent tagħha f'Malta fiż-żmien meta seħħ l-inċident, kienet Carmelo Caruana Company Limited. L-attur intbagħat abbord il-bastiment mill-*foreman* tal-Malta Freeport Terminals Limited, li mal-wasla tal-bastiment f'Malta beda jassenja l-ħaddiema li kellhom jitilgħu jagħmlu xogħol abbord, fosthom lill-attur u lil ċertu Lawrence Attard, li f'dak il-perijodu partikolari kienu assenjati biex jagħmlu xogħol ta' *lashing,* ossija ħall mill-irbit li jkollhom il-*containers* li jkunu qegħdin jinġarru abbord. Mill-provi jirriżulta li l-inċident seħħ waqt li l-attur kien qiegħed iħoll wieħed mill-*containers,* minn fuq *passage way* tal-vapur, meta għal xi raġuni dan tfixkel fi pjanċa li ma kinitx imdaħħla f'postha, u f'materjal ieħor li kien hemm mitfugħ mal-art b'mod traskurat, bir-riżultat li dan waqa' għoli ta' madwar ħames metri. Jirriżulta wkoll li l-attur waqa' għaliex fl-ispazju fejn kien qiegħed jaħdem suppost li kien hemm *railing* sabiex iservi ta' protezzjoni, liema ilqugħ però kien maqlugħ minn postu. Konsegwenza ta' dan l-inċident, l-attur sofra ksur fl-għarqub li ħa perijodu ta' żmien biex għaqad, u kif ġie kkonstatat mill-esperti mediċi li eżaminaw lill-attur, l-attur għadu jsofri minn debilità permanenti f'saqajh, liema debilità qiegħda wkoll tikkawżalu diversi restrizzjonijiet u limitazzjonijiet f'ħajtu.

L-attur, kif ukoll uħud mill-kollegi tiegħu, xehdu li diversi bastimenti li jitilgħu jaħdmu fuqhom il-ħaddiema tax-Xatt, ikollhom diversi nuqqasijiet u minkejja li ripetutament isiru r-rapporti mill-ħaddiema, dawn ir-rapporti u ilmenti ħafna drabi qajla jiġu indirizzati. Intqal ukoll li l-ħaddiema ma jagħmlux kuraġġ jirrappurtaw jew jieqfu mix-xogħol sakemm jitneħħa l-periklu abbord, peress li kien hemm drabi fejn ittieħdu passi dixxiplinarji kontra ħaddiema li waqfu mix-xogħol għal din ir-raġuni. Ħaddiema tax-Xatt li xehdu f'dawn il-proċeduri lkoll ikkonfermaw li l-inċident inkwistjoni ma kienx iseħħ li kieku r-*railing* li kellu jservi ta' lqugħ protettiv mal-*passage way* tal-bastiment kien imwaħħal f'postu kif suppost, u kieku l-bastiment kien miżmum f'kundizzjoni tajba u tneħħew il-materjali li tħallew fl-art mill-membri tal-ekwipaġġ.

Fil-kors ta' dawn il-proċeduri diversi xhieda qalu li l-kundizzjonijiet li jaħdmu fihom il-ħaddiema tax-Xatt huma perikolużi ħafna, kemm minħabba l-pressjoni ta' ħin li jkollhom fuqhom il-ħaddiema, li huma mistennija jagħmlu x-xogħol rikjest minnhom fl-iqsar żmien, kif ukoll għax il-kundizzjonijiet abbord jafu jkunu kemmxejn skabrużi. Mill-provi jirriżulta li l-inċident mertu tal-kawża seta' jiġi evitat li kieku l-membri tal-ekwipaġġ ħadu ħsieb jarmaw ir-*railing* u jiżbarazzaw l-ispazju ristrett fuq il-gallerija fejn kellu jsir ix-xogħol mill-ħaddiema tax-Xatt. Ix-xhud Eric Cutajar, li huwa rappreżentant tal-ħaddiema tax-Xatt, xehed illi hekk kif tela' abbord ftit tal-ħin wara li kien seħħ l-inċident, membri tal-ekwipaġġ kienu qegħdin jarmaw ir-*railing* bl-ilqugħ miegħu, u għalhekk il-Qorti tinsab iktar konvinta li dak li seħħ kien riżultat tat-traskuraġni abbord. Dak li ġara f'dan il-każ jikkonferma dak li qal Lawrence Attard fix-xhieda tiegħu, li fil-Freeport ħafna drabi kienu jittieħdu miżuri protettivi biss wara li jkun seħħ xi inċident, u mhux qabel.

Mill-provi jirriżulta wkoll li l-prassi fil-Freeport hija li x-xogħol jiġi assenjat mill-*foreman* wara li dan jikkonsulta mal-pjanta tal-vapur minn fuq kompjuter, u l-ebda *foreman* ma jitla' abbord u jevalwa s-sitwazzjoni fuq il-bastiment qabel jibgħat lill-ħaddiema jagħmlu x-xogħol fuqu, minkejja li l-*foremen* għandhom obbligu li jitilgħu abbord u jagħmlu evalwazzjoni tal-kundizzjonijiet li jkunu ser jintbagħtu jaħdmu fihom il-ħaddiema tax-Xatt. Dan in-nuqqas ġej mill-fatt li f'kull *shift* ikun hemm *foreman* wieħed biss addett fil-Freeport, li jkun irid ilaħħaq mal-bastimenti kollha li jidħlu fil-Freeport, u għalhekk ma jkunx possibbli għall-*foreman* li jitla' abbord u jara l-kundizzjonijiet ta' kull wieħed mill-bastimenti, li huma bastimenti ta' ċertu kobor.

Ix-xhud Eric Cutajar stqarr quddiem il-Qorti li r-responsabbilità għas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema tax-Xatt taqa' fuq Malta Freeport Terminals Limited, li hija l-entità li għandha tassigura s-saħħa u s-sigurtà ta' dawn il-ħaddiema. Il-ħaddiema tax-Xatt jiġu assenjati x-xogħol tagħhom minn *foreman* li huwa ngaġġjat minn Malta Freeport Terminals Limited, u hija din l-entità li tingaġġa lill-ħaddiema tax-Xatt biex jagħmlu x-xogħol fil-Freeport skont il-ħtieġa. L-imsemmi xhud ikkonferma wkoll li minkejja li l-*foremen* ta' Malta Freeport Terminals Limited għandhom obbligu li jitilgħu abbord u jaraw il-kundizzjonijiet abbord kif ikunu qabel jibagħtu lill-ħaddiema jagħmlu x-xogħol, rari jiġri hekk fil-prattika. Xhud ieħor, Jude Bonnici, ikkonferma li minkejja li jeżisti manwali dwar miżuri għall-protezzjoni tas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema tax-Xatt, Malta Freeport Terminals Limited lanqas biss tieħu ħsieb tiżgura li kull wieħed minn dawn il-ħaddiema jingħata kopja ta' dan il-manwali, u Malta Freeport lanqas tieħu ħsieb tagħti t-taħriġ meħtieġ lill-ħaddiema tax-Xatt. Dan ix-xhud qal li kull ħaddiem tax-Xatt li jingħata liċenzja, huwa preżunt li huwa kapaċi għax-xogħol u għalhekk għandu l-ħiliet meħtieġa

biex jagħmel ix-xogħol assenjat lilu. In vista ta' dawn ir-riżultanzi, il-Qorti tqis li s-soċjetà konvenuta Malta Freeport Terminals Limited ċertament għandha twieġeb għad-danni sofferti mill-attur waqt li kien qiegħed jaqdi d-dmirijiet tiegħu abbord il-bastiment inkwistjoni, wara li kien intalab li jagħmel dan ix-xogħol speċifikatament mill-*foreman* inkarigat minn Malta Freeport Terminals Limited. Fin-nota ta' sottomissjonijiet ippreżentata mis-soċjetà konvenuta Carmelo Caruana Company Limited saret enfasi fuq il-punt li l-attur u l-kollega tiegħu mhux suppost li kienu qegħdin jaħdmu f'dawk il-*bays* partikolari fuq il-bastiment (indikati bħala *bays* 25 u 27), u li huwa għalhekk li dawn il-*bays* ma kinux armati u mgħammra kif suppost b'*railings* u b'ilqugħ ta' protezzjoni. Il-Qorti tirrileva li mill-provi jirriżulta bl-aktar mod ċar li l-attur mar jaħdem fiż-żoni li ntalab imur jagħmel xogħol fihom mill-*foreman* tal-Freeport, li kien qiegħed jimxi skont pjanta pprovduta lilu mis-sistema tal-bastiment stess. Mill-provi ma jirriżultax dak li qiegħed jiġi allegat mis-soċjetà konvenuta Carmelo Caruana Company Limited li l-attur minn jeddu mar jagħmel xogħol f'xi żona tal-vapur li mhux suppost li mar jagħmel xogħol fuqha, u għalhekk il-Qorti tqis li ladarba l-attur u l-kollega tiegħu intbagħtu jaħdmu fuq dik il-parti tal-bastiment, din kellha tkun mgħammra b'dak kollu li kien meħtieġ għas-sigurtà tal-ħaddiema abbord.

Il-Qorti hawnhekk sejra tagħmel parentesi żgħira dwar dak li xehdu diversi esponenti tas-soċjetajiet konvenuti, li qalu li l-ħaddiema tax-Xatt għandhom obbligu jirrappurtaw u jieqfu mix-xogħol f'każ li jirriżultalhom li l-kundizzjonijiet abbord jistgħu jkunu ta' periklu. Diversi ħaddiema tax-Xatt xehdu illi meta jilmentaw jew jirrappurtaw dwar xi nuqqasijiet abbord, dan ma tantx jintlaqa' tajjeb mid-diriġenti tal-Freeport, u kien hemm każijiet ta' ħaddiema li saħansitra kellhom jiffaċċjaw proċeduri dixxiplinarji għax waqfu

mix-xogħol għax ħassew li l-kundizzjonijiet abbord kienu ta' periklu għalihom. Il-Qorti hawnhekk tagħmel riferiment għal dak li ntqal fid-deċiżjoni fl-ismijiet **Godfrey Buhagiar *vs.* Malta Shipping Company Limited**[66], fejn intqal:

> "... ħafna drabi l-impjegat huwa obbligat li jaqdi dmiru f'ambjenti ftit li xejn rakkommandabbli u xorta jagħmel xogħlu. Iżda ma jfissirx li b'daqshekk hu qed jaċċetta r-responsabbilità għal dak li jista' jiġrilu. Kull ma jfisser hu li l-impjegat jipprova jaqdi dmiru fiċ-ċirkostanzi pprovduti lilu."

Ix-xhud Darin Zahra esponent tas-soċjetà konvenuta Carmelo Caruana Company Limited, fix-xhieda tiegħu qal li din il-kumpannija, li fiż-żmien meta seħħ l-inċident kienet aġent tal-linja tat-tbaħħir CMA CGM S.A., ma kellha u m'għandha l-ebda relazzjoni mal-ħaddiema tax-Xatt, u l-uniku kuntatt jew irbit li din għandha mal-ħaddiema tax-Xatt huwa meta jkollha bżonn il-ħaddiema biex jaħdmu abbord, u tgħid lil Malta Freeport Terminals Limited biex tipprovdilha l-ħaddiema. Il-Qorti ma taqbilx li l-aġent tal-linja tat-tbaħħir responsabbli mill-bastiment li fuqu jseħħ inċident, hija eżonerata mir-responsabbilità għal dak li jiġri fuq il-vapur, u hawnhekk tagħmel riferiment għal dak li ntqal f'deċiżjoni fl-ismijiet **Alfred Mizzi *vs.* Sullivan Maritime Limited**[67]:

> "... din il-Qorti ma taqbilx li persuna maħtura aġent ta' xi ħaddieħor ma tweġibx għal għemilha. Għall-obbligi kontrattwali li tidħol fihom għan-nom tal-prinċipal tagħha, iwieġeb, bħala regola ġenerali, l-istess prinċipal. L-aġent, però, fl-eżekuzzjoni tal-inkarigu lilu mogħti, jrid jaġixxi ta' *bonus paterfamilias,* bid-diliġenza u l-abilità rikjesti minnu. Jekk il-mandatarju jew l-aġent jonqos minn dan l-obbligu tiegħu, iwieġeb għall-konsegwenzi u għad-danni (ara **Calleja noe et *vs* Ellul Sullivan noe et**, deċiża mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fil-15 ta' Diċembru 2004)."

---

[66] P.A., 09.10.2001.
[67] Q,A., 30.10.2015.

F'dik id-deċiżjoni l-Qorti tal-Appell għamlet analiżi dettaljata ta' x'tip ta' relazzjoni tiżviluppa bejn l-aġent tal-vapur u l-ħaddiema tax-Xatt:

> "Din ir-responsabbilità ma hijiex dipendenti fuq relazzjoni kuntrattwali ta' bejn *employer* u *employee,* u dan kif osservat espressament din il-Qorti fil-kawża **Mallia *vs* Cortis noe** deċiża fis-7 ta' Ottubru 1996. Kif kompliet tispjega l-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża **Spiteri *vs* Malta Freeport Terminals Limited et** deċiża fil-5 ta' Ottubru 2007:
>
> "Kif qalet il-Qorti fis-sentenza **P.A. Benjamin Sammut *vs* Meli Bugeja Co. Ltd.** (10/07/2006) ir-responsabbilità għal inċidenti fuq il-post tax-xogħol ma tqumx biss mir-relazzjoni bejn ħaddiem u min iħaddmu. Meta l-ambjent tax-xogħol qiegħed taħt il-kontroll ta' min jagħti x-xogħol, dan għandu dmir li jagħmel dak li hu raġonevolment meħtieġ u prattiku biex jelimina jew, għallinqas, inaqqas il-perikoli u r-riskji għal dawk li hu jqabbad biex jagħmlu xogħol fl-interess tiegħu f'dak l-ambjent. Il-kriterju għalhekk, huwa, jekk il-post tax-xogħol huwiex taħt il-kontroll ta' min jagħti x-xogħol.
>
> Darba s-soċjetà Maritime Sullivan Limited talbet hi li jsir xogħol fuq bastiment li tagħha kienet aġent, tidħol responsabbli biex tara li l-ħaddiema li ser jagħmlu xogħol inkarigat minnha u fejn tordna hi, ma jkunux f'riskju ta' ħsara. Kienet hi li talbet is-servizzi għax-xogħol tagħha, u allura, f'dak il-mument, tassumi obbligu għall-inkolumità tal-ħaddiema, li tista' tgħid saru 'tagħha'."

F'dan ir-rigward il-Qorti ma taqbilx mal-pożizzjoni tas-soċjetà konvenuta Carmelo Caruana Company Limited li hija kellha tiġi mħarrka f'dawn il-proċeduri bħala mandatarju speċjali ta' CMA CGM S.A., u dan għaliex kif ġie ampjament ippruvat, fiż-żmien meta seħħ l-inċident inkwistjoni, Carmelo Caruana Company Limited kienet l-aġent tal-linja tat-tbaħħir CMA CGM S.A.. Huwa minnu li fis-sena meta inbdew dawn il-proċeduri, CMA CGM S.A. waqqfet kumpannija li bdiet toffrilha servizzi ta' aġenzija hawn Malta, iżda dan ma jfissirx li Carmelo Caruana Company Limited bħala aġent ta' CMA CGM S.A. fiż-żmien meta seħħ l-inċident, m'għandhiex titqies bħala leġittima kontradittriċi f'dawn il-proċeduri. Il-Qorti tirrileva li minkejja li jirriżulta li r-rappreżentanti ta' kumpannija li tipprovdi servizzi ta' aġenzija rari jkollhom

raġuni għalfejn jitilgħu abbord, jew għalfejn jagħmlu kuntatt mal-ħaddiema tax-Xatt, xorta waħda l-aġent f'Malta jieħu ħsieb li jagħmel talba lil Malta Freeport Terminals Limited sabiex din tipprovdi n-nies li jkunu jistgħu jagħmlu x-xogħol meħtieġ, u għalhekk għandha twieġeb f'każ li jirriżulta li xi ħadd minn dawn il-ħaddiema jsofri danni fuq il-persuna tiegħu minħabba fl-ambjent li jintbagħat jaħdem fih. Il-Qorti ħadet konjizzjoni sħiħa tan-nota ta' sottomissjonijiet dettaljata ppreżentata mill-aġenti tal-vapur, fejn saret kritika għall-fatt li l-partijiet l-oħra fil-kawża għamlu riferiment għas-sentenza appena ċċitata, u ntqal li dik is-sentenza tirreferi għal perijodu qabel saret ir-riforma fil-portijiet Maltin u l-fattispeċi hemm elenkati jirreferu għal żmien meta l-aġenti tal-vapur kienu jinkarigaw lill-ħaddiema tax-Xatt direttament huma, minflok jagħmlu talba lill-operaturi tat-*terminals* sabiex jipprovdu l-ħaddiema għax-xogħol li jkun irid isir abbord. L-aġenti u t-*time charterers* tal-bastiment jargumentaw li din l-azzjoni kellha tinġieb kontra s-sidien tal-bastiment u mhux kontra tagħhom, minħabba li huma mhumiex responsabbli mill-immaniġġjar tal-bastiment jew tal-ekwipaġġ abbord, u konsegwentement m'għandhomx jinżammu responsabbli f'każ li terza persuna tweġġa' jew issofri danni minħabba xi nuqqas fuq il-bastiment jew minħabba xi azzjoni tal-ekwipaġġ. Minkejja dawn is-sottomissjonijiet li saru mill-aġent u miċ-*charterer* tal-bastiment, il-Qorti tqis li l-attur tela' jaħdem fuq il-bastiment wara li ntalab jagħmel dan mill-*foreman* tal-Freeport. F'din il-katina kumplessa ta' relazzjonijiet bejn il-ħaddiem tax-Xatt min-naħa l-waħda, u l-operatur tat-*terminal*, l-aġent tal-bastiment u l-operatur tal-bastiment min-naħa l-oħra, anki jekk jirriżulta li l-operatur tal-bastiment mhux ukoll is-sid tiegħu, huwa min jagħmel talba għas-servizz tal-ħaddiema tax-Xatt li għandu jwieġeb għad-danni f'każ li tinqala' sitwazzjoni bħal dik odjerna. Ma jistax xi ħadd minn

dawn il-partijiet jeżimi ruħu mir-responsabbilità li ġġib magħha obbligazzjoni ta' din ix-xorta billi jgħid li t-*time charterer* tal-bastiment għandu responsabbilità limitata u la għandu kontroll tal-bastiment u lanqas tal-ekwipaġġ ta' fuqu, u għalhekk mhux tenut jirrispondi għal xi nuqqasijiet f'dan ir-rigward.

Il-Qrati tagħna ppronunzjaw ruħhom diversi drabi dwar l-obbligi li għandu min iħaddem. F'deċiżjoni fl-ismijiet **Fenech et *vs,* Chairman tal-Malta Drydocks et**[68], intqal illi:

> "Dwar in-natura tad-dmir impost fuq min iħaddem, il-Qrati tagħna ripetutament jinsistu fuq id-dmir ta' min iħaddem li jipprovdi '*a safe place of work*' iżda rari kienu jidħlu fil-kwistjoni jekk in-nuqqas ta' min iħaddem li hekk jipprovdi jkunx aġir bi ksur ta' obbligu kuntrattali jew aġir delittwali. Li hu żgur hu li l-Qrati tagħna dejjem jitkellmu fuq 'doveri' u 'obbligazzjonijiet' ta' min iħaddem, bħallikieku fuq dan hemm rabta kuntrattwali mal-ħaddiem li jipproteġieh. Fil-kawża **Sultana *vs* Spiteri** deċiża mill-allura Qorti tal-Kummerċ fiit-28 ta' Mejju, 1979, ġie osservat li min iħaddem għandu d-dover li jara li l-post tax-xogħol ikun dejjem fi stat raġonevoli ta' sigurezza għal min ikun qed jaħdem, obbligu speċifiku u determinat li donnu joħroġ mill-isfera tal-kunċett ta' *neminem laedere*, involut fir-responsabbilità taħt delitt u kważi-delitt. Il-Qrati tagħna espandew fuq dan l-obbligu ta' min iħaddem, u jinsistu fuq id-dover tiegħu li jipprovdi attrezzi u makkinarju sikur, post tax-xogħol nadif u ħieles minn perikolu, stħarriġ u superviżjoni tal-ħaddiema, manutenzjoni regolari fuq kull biċċa magna, u diversi obbligi relatati marbuta man-natura tax-xogħol (ara per eżempju il-kawża **Galea *vs* Meilaq noe,** deċiża mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fis-27 ta' Ġunju 2007). Intqal ukoll li huwa dmir ta' min iħaddem "*to provide a safe system of work, and that in planning a system of work, the employer must take into account the fact that workmen become careless about risks involved in their daily work*" – **Borg *vs* Wells noe,** deċiża mill-allura Qorti tal-Kummerċ fid-9 ta' Settembru 1981. Minn dan jidher li malli jiġi ffirmat kuntratt ta' impjieg bejn min iħaddem u l-ħaddiem, jitwieled f'tal-ewwel obbligu li jieħu ħsieb l-inkolumità tal-ħaddiem, b'mod li dan l-obbligu jista' jitqies bħala parti mit-termini tal-istess kuntratt."

[68] Q.A., 03.12.2010.

Illi fid-deċiżjoni fl-ismijiet **Philip Vassallo *vs.* Malta Freeport Terminals**[69] intqal illi:

"... appena jiġi pattwit kuntratt ta' impjieg, jiskattaw l-effetti ta' bosta liġijiet li jħarsu lill-ħaddiem, fosthom ... dawk dwar is-sigurtà fuq il-post tax-xogħol. Għalkemm jiskattaw fil-kors ta' kuntratt ta' impjieg, dawn ir-regoli jistgħu jkunu fonti ta' danni extra-kuntrattwali jew delittwali, li jistgħu jkunu wkoll konkorrenti mad-danni kuntrattwali.

Skont l-Artikolu 1033 tal-Kodiċi Ċivili, "Kull min, bil-ħsieb jew mingħajr il-ħsieb li jagħmel deni, għax ikun irid jew b'nuqqas ta' diliġenza, ta' prudenza jew ta' ħsieb, jagħmel jew jonqos li jagħmel xi ħaġa li biha jikser xi dmir impost mil-liġi, hu obbligat għall-ħlas tal-ħsara li tiġri minħabba f'hekk."

Ir-regola ġenerali in tema extra-kuntrattwali, li ilha stabbilita fil-Kodiċi Ċivili hi li "kull wieħed iwieġeb għall-ħsara li ssir bi ħtija tiegħu." (Artikolu 1031). Ikun fi ħtija min ma jużax il-prudenza, id-diliġenza, u l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja, iżda ħadd ma jwieġeb għal nuqqas ta' grad ikbar ta' diliġenza (Artikolu 1032).

Anki fil-qasam tax-xogħol, kwalsiasi azzjoni (pożittiva jew negattiva) jew forma ta' kondotta assunta trid tkun ippernjata fuq il-prudenza u d-diliġenza tal-*bonus paterfamilias*. Għandha tkun akkumpanjata wkoll minn dak il-buon sens li ż-żmien, il-mument u s-sitwazzjoni partikolari jkunu jirrikjedu jew ikunu jiddettaw. Din hija l-bażi preventiva li l-liġi tagħna tiġbor fiha u dan sabiex tbiegħed lill-persuna mill-ħsara, anke għal dak li jirrigwarda ħsara potenzjali.

Illi l-ġurisprudenza Ingliża ukoll tagħraf li fil-każ ta' korriment fuq il-post tax-xogħol, huma applikabbli kemm il-kuntratt ta' impjieg kif ukoll il-liġi delittwali, billi dawn jirkbu fuq xulxin u fil-fatt illum il-ġurnata jista' jitqies li fil-kuntratt ta' impjieg hemm patt impliċitu li min iħaddem għandu jipprovdi post tax-xogħol sikur għall-ħaddiem:

*'The relationship itself of employer and employee is necessarily based upon contract but it has been the subject of some controversy in the past whether the common law duties regarding the employee's safety, are contractual duties or lie in tort. Because of the closeness of the relationship between employer and employee, as well as its very nature, there really can be no doubt today that a duty of care does arise under the general law of tort, as expressed in* ***Donoghue vs Stevenson (****1932 A.C. 562). In* ***Davie vs New Merton Board Mills Ltd.,*** *(1959, A.C. 604) Viscount Simonds considered that, although liability primarily was to be regarded as having arise in tort, it could also be based on implied terms contained in the contract of employment.' –* ***Charlesworth & Percy on Negligence*** *(Ninth Edition, 1997).'*

[69] P.A., 21.03.2016.

Illi fil-qasam tas-sigurtà fuq il-post tax-xogħol, fl-1 ta' Mejju, 2001 daħal fis-seħħ l-Att XXVII tas-sena 2000 (illum Kap. 424 tal-Liġijiet ta' Malta) li bena fuq il-liġijiet u regolamenti li diġà kien hemm qabel. Bis-saħħa ta' dan l-Att, ġie ippubblikat fost ħafna regolamenti oħrajn, l-Avviż Legali 36 tal-2003 imsejjaħ 'Regolamenti dwar Dispożizzjonijiet Ġenerali dwar is-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol', li huwa korp ta' regolamenti ta' importanza kbira fil-qasam tax-xogħol.

Illi l-Att imsemmi jikkodifika prinċipji u dmirijiet ġenerali li għandhom jirregolaw dan il-qasam u biex jenfasizza l-importanza tiegħu jistqarr li, 'Il-protezzjoni tas-saħħa u tas-sigurtà fuq il-postijiet tax-xogħol għandha titqies bħala materja ta' interess pubbliku.' (Artikolu 4(1)).

Illi l-Artikolu 4(2) jelenka dawn il-prinċipji ġenerali ta' prevenzjoni li fuqhom għandhom jiġu imfasslin il-miżuri li għandhom jittieħdu minn min iħaddem biex jevita dannu fiżiku u psikoloġiku, korriment jew mewt, fuq il-postijiet tax-xogħol:

(a) Li jiġi evitat riskju;

(b) L-identifikazzjoni ta' perikli assoċjati max-xogħol;

(c) L-evalwazzjoni ta' dawk ir-riskji li ma jistgħux jiġu evitati;

(d) Il-kontroll mill-bidu ta' dawk ir-riskji li ma jistgħux jiġu evitati;

(e) Li jittieħdu l-miżuri neċessarji kollha biex jirriduċu r-riskju kemm ikun raġonevolment prattiku, inkluż li jitbiddel dak li huwa perikoluż bdak li ma jkunx perikoluż jew li jkun inqas perikoluż;

(f) Billi tingħata priorità lill-miżuri ta' protezzjoni kollettivi fuq miżuri ta' protezzjoni individwali;

(g) Li jiġi adattat ix-xogħol għall-ħaddiem, partikolarment għal dak li għandu x'jaqsam mal-iddisinjar ta' postijiet tax-xogħol, l-għażla ta' tagħmir tax-xogħol u l-għażla ta' metodi ta' produzzjoni u ta' xogħol, u partikolarment sabiex jiġi mnaqqas xogħol monotonu u xogħol li jkollu rata ta' xogħol stabbilita minn qabel, u biex jitnaqqas l-effett tagħhom fuq is-saħħa;

(h) Billi wieħed jadatta ruħu għall-progress tekniku fl-interess tas-saħħa u tas-sigurtà fuq il-post tax-xogħol; u

(i) Billi tiġi żviluppata policy ta' prevenzjoni globali u loġika li tkopri t-teknoloġija, l-organizzazzjoni ta' xogħol, il-kundizzjonijiet ta' xogħol, ir-relazzjonijiet soċjali u l-influwenza ta' fatturi li għandhom x'jaqsmu mal-ambjent tal-post tax-xogħol."

Huwa ċar li fil-każ odjern il-konvenuti naqsu milli jħarsu l-obbligi imposti fuqhom bil-liġi li jassiguraw li jevalwaw, jikkontrollaw u jevitaw ir-riskji fuq il-bastiment, għaliex *inter alia* ppermettew sitwazzjoni fejn ħaddiema tax-Xatt intalbu jaħdmu f'post li kien nieqes minn ilqugħ protettiv, u f'ambjent tax-xogħol li poġġa fuq il-ħaddiema pressjoni li jagħmlu x-xogħol li jitqabbdu jagħmlu fl-aqsar żmien u mingħajr waqfien. Huwa in vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet li l-Qorti qiegħda tiddeċiedi li l-konvenuti għandhom iwieġbu b'mod solidali għad-danni sofferti mill-attur.

*Damnum Emergens:*

Bħala prova tad-danni materjali sofferti minnu, l-attur ippreżenta kopja tal-irċevuta tal-konsulent mediku li eżaminah wara l-inċident (€220)[70], kif ukoll ġab prova tat-telf fl-introjtu tiegħu matul iż-żmien kollu li fih huwa ma setax jidħol xogħol, liema telf ta' introjtu jammonta għal €35,768.81[71], u dan kif spjega x-xhud Jeffrey Busuttil, li qal li sabiex inħadmet din is-somma, sar eżerċizzju komparattiv mad-dħul ta' ħaddiem ieħor tax-Xatt li baqa' jattendi x-xogħol b'mod regolari. Id-dħul nett qiegħed jiġi kkalkulat li kien €24,566.51.[72] Dan ifisser li t-total tad-danni materjali sofferti mill-attur jammonta għal erba' u għoxrin elf, seba' mija u sitta u tmenin Euro u wieħed u ħamsin ċenteżmu (€24,786.51).

[70] *A fol.* 5 tal-proċess.
[71] *A fol.* 4 tal-proċess.
[72] It-taxxa fuq id-dħul u l-kontribuzzjonijiet tas-Sigurtà Soċjali qegħdin jiġu kkalkolati *pro rata* abbażi tat-taxxa fuq id-dħul u l-kontribuzjonijiet tas-Sigurtà Soċjali imħallsa mill-attur fl-2012.

*Lucrum Cessans:*

F'sentenza fl-ismijiet **Emmeline Cini *vs.* Antione Cachia**[73], il-Qorti qalet:

> "Għalhekk il-Qorti għandha l-obbligu li teżamina t-telf ta' qligħ futur minħabba l-inkapaċità, it-telf ta' paga jew qligħ ieħor attwali li jinkorri fih id-danneġġjat; u dak it-telf ta' qligħ futur, ossia *lucrum cessans*, li d-danneġġjat ikun prekluż li jużufruwixxi minnu minħabba l-event sinistru kawża tal-għemil dirett tad-danneġġjant."

Fis-sistema legali tagħna il-kwantifikazzjoni tad-danni hija dejjem fid-diskrezzjoni tal-ġudikant, u għalkemm hija regolata minn ċerti prinċipji, dawn mhumiex assoluti. F'deċiżjoni fl-ismijiet **Paul Debono *vs.* Malta Drydocks**[74], ġie stabbilit illi:

> "Id-determinazzjoni tal-kwantum tar-riżarċiment hi ċertament fis-sistema legali tagħna spirata mir-regola stabbilita fl-artikolu 1045 tal-Kodiċi Ċivili. Fir-rigward tal-*lucrum cessans* dan jinvolvi telf ta' qliegħ futur minħabba l-inkapaċità. Il-liġi imbagħad tħalli fid-diskrezzjoni tal-Qorti biex, valjati ċ-ċirkostanzi tal-każ, ix-xorta u grad ta' inkapaċità, u l-kondizzjoni tal-parti danneġġjata tistabbilixxi s-somma riżarċitorja. Innegabilment, però, il-metodu ta' din il-valutazzjoni tad-dannu lill-persuna minn dejjem ikkostitwiet il-problema l-aktar spinuża, kif hekk jirriżulta minn sempliċi raffront tad-diversi deċiżjonijiet in materja."

Għall-finijiet tal-komputazzjoni li trid tagħmel, il-Qorti sejra tibbaża ruħha fuq id-dħul tal-attur fis-sena ta' qabel dik meta seħħ l-inċident, l-2012. Id-dħul gross tal-attur fis-sena 2012 kien ta' €72,497[75], u meta jiġu mnaqqsa t-taxxa li kienet tammonta għal €20,699 u l-kontribuzzjonijiet tas-Sigurtà Soċjali li kienu jammontaw għal €2,006.05, ifisser li dan kellu dħul nett ta' €49,791.95.

[73] P.A., 18.02.2013.
[74] P.A., 27.04.2015.
[75] *A fol.* 100 tal-proċess.

Is-salarju tal-attur għas-sena 2013 irid jiġi aġġustat abbażi tal-għoli tal-ħajja għall-perijodu kollu tal-*multiplier*[76], sabiex b'hekk id-dħul bażiku li ser tkun qiegħda taħdem fuqu l-Qorti huwa ta' €49,791.95 + €61,742.02[77] / 2 = €55,766.98. Huwa dan is-salarju bażiku li l-Qorti ser tieħu għall-finijiet tal-komputazzjoni li trid tagħmel.

Il-*multiplier* huwa fattur pjuttost diskrezzjonali, għalkemm bħala regola huwa ġeneralment aċċettat li għal persuna fl-età ta' ħamsa u tletin (35) sena, li hija l-età li kellu l-attur fis-sena 2013, il-*multiplier* li għandu jiġi adottat huwa ta' 25, tenut kont li persuna fl-età tal-attur huwa mistenni jaħdem almenu sakemm ikollu ħamsa u sittin (65) sena sabiex jilħaq l-età pensjonabbli. F'sentenza fl-ismijiet **John u Laura konjugi Ransley *vs.* Edward u Lydia konjuġi Restall**[78], il-Qorti qalet:

> "Hawnhekk għandna fattur pjuttost diskrezzjonali. Il-metodu ta' likwidazzjoni tad-danni kien għal żmien twil ibbażat fuq il-prinċipji enunċjati fil-kawża **Butler *vs* Heard** deċiża mill-Qorti tal-Appell Ċivili Superjuri fit-22 ta' Settembru, 1967. F'dik il-kawża intqal li fid-determinazzjoni tal-*multiplier* wieħed irid jieħu in kunsiderazzjoni ċ-*'chances and changes of life'*, b'mod li dan il-*multiplier* ma jwassalx lid-danneġġjat li jieħu kumpens daqs li kieku baqa' jaħdem sad-data li jirtira, iżda l-figura tiġi mnaqqsa biex b'hekk ikun ittieħed kunsiderazzjoni l-fatt li l-persuna danneġġjata setgħet, fil-kors normali tal-ħajja tagħha, ma waslitx qawwija u sħiħa sal-età tal-pensjoni.
>
> ...
>
> Hawn għalhekk naraw element diskrezzjonali li qed jingħata lill-ġudikant. Il-liġi ma tridx li l-kumpens ikun biss riżultat ta' eżerċizzju matematiku – għalkemm tali eżerċizzju jkun wieħed siewi u jwassal għal ċerta uniformità fil-likwidazzjoni tad-danni kif effettivament ġara wara s-sentenza ta' **Butler *vs* Heard**, b'danakollu l-ġudikant għandu jżomm quddiem għajnejh aspett aktar wiesa' tal-problema u fl-

---

[76] F'sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell fid-19.05.2000 fl-ismijiet **Joseph Galea *vs.* Charles Fenech pro et noe,** il-Qorti stabbiliet illi, "Meta d-danni jirrappreżentaw kumpens għal telf futur, il-Qorti trid tieħu in konsiderazzjoni l-effetti li l-inflazzjoni jkollha fuq l-introjtu perċepit fid-data tal-inċident proġettat fuq firxa ta' snin magħżula bħala l-*multiplier*."

[77] Ir-rata tal-inflazzjoni medja għas-snin 2013-2017 kienet ta' 0.96% (1.38 + 0.31 + 1.10 + 0.64 + 1.37 / 5 = 0.96). Sors: Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika.

[78] P.A., 10.05.2005.

> ammont li finalment jakkorda bħala danni għat-telf futur – dawk li fil-gergo huma magħrufa bħala *'lucrum cessans'* jipprova jimprimi sens ta' ġustizzja billi mhux biss iħares lejn l-interessi tad-danneġġjat iżda billi wkoll jittieħed in konsiderazzjoni dak li kkawża d-dannu."

Fil-każ odjern ġie stabbilit mill-espert mediku *ex parte* Mr Jason Zammit li eżamina lill-attur wara l-inċident, li dan qiegħed isofri minn debilità permanenti ta' sitta fil-mija (6%) b'konsegwenza tal-inċident. L-espert mediku ġudizzjarju Mr Carmel Sciberras, li eżamina lill-attur fi żmien aktar riċenti, ikkonkluda li dan qiegħed isofri minn debilità permanenti fil-grad ta' ħamsa fil-mija (5%) konsegwenza tal-inċident inkwistjoni.

L-evoluzzjoni ġuriprudenzjali f'kawżi ta' din ix-xorta wasslet għal żvilupp ieħor importanti, dak li jsir tnaqqis ta' 20% minħabba li l-ħlas tal-kumpens qiegħed isir f'darba *(lump sum payment)*. Spiss kien jiġri li f'kawżi li kienu jdumu s-snin biex jinqatgħu, il-Qorti kienet tnaqqas 2% minn dan l-20% għal kull sena li kawża ddum biex tinqata', f'każijiet fejn ikunu għaddew aktar minn tliet snin bejn id-data meta jiġi ppreżentat ir-rikors maħluf u s-sentenza. Madanakollu f'dan il-każ il-Qorti ma tarax li hemm lok għal tali tnaqqis. Il-kawża kienet ippreżentata fl-2015 u d-deċiżjoni ser tkun qiegħda tingħata mingħajr ma jirriżulta li kien hemm titubar jew delungar intenzjonat da parti ta' xi waħda jew oħra mill-partijiet.

Is-salarju medju ta' €55,766.98 x *multiplier* ta' 25 x 5% diżabilità permanenti sofferta mill-attur, iwasslu għal ċifra ta' €69,708.73, li meta tiġi ridotta b'20% *(lump sum payment),* tasal għaċ-ċifra ta' ħamsa u ħamsin elf, seba' mija u sitta u sittin Euro u tmienja u disgħin ċenteżmu (€55,766.98). Dan huwa l-*lucrum cessans* li ser jiġi likwidat mill-Qorti, liema danni l-Qorti qiegħda tistabbilixxi li jridu jitħallsu lill-attur mill-konvenuti *in solidum*, flimkien mad-danni materjali

li jammontaw għal €24,786.51. B'hekk it-total ta' danni li għandhom jitħallsu lill-attur huma ta' tmenin elf, ħames mija u tlieta u ħamsin Euro u disgħa u erbgħin ċenteżmu (€80,553.49).

<u>Decide</u>

**Għaldaqstant għar-raġunijiet hawn fuq mogħtija, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża kif ġej:**

1. **Tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenuti;**

2. **Tiddikjara li l-konvenuti solidament bejniethom huma unikament responsabbli għall-inċident li seħħ fit-8 ta' Settembru, 2013 fuq deskritt, u għad-danni kollha li bħala konsegwenza tal-istess ġarrab l-attur;**

3. **Tillikwida d-danni li għandhom jitħallsu lill-attur fis-somma ta' tmenin elf, ħames mija, tlieta u ħamsin Euro u disgħa u erbgħin ċenteżmu (€80,553.49), bħala danni materjali u telf ta' qligħ futur sofferti mill-attur;**

4. **Tikkundanna lis-soċjetajiet konvenuti sabiex iħallsu solidament bejniethom lill-attur s-somma ta' tmenin elf, ħames mija, tlieta u ħamsin Euro u disgħa u erbgħin ċenteżmu (€80,553.49), dovut lilu in linea ta' danni.**

**Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali mid-data tas-sentenza sad-data tal-ħlas effettiv, kontra l-konvenuti solidament bejniethom.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**